# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



"**Henjin**

*TA' QALBHOM ĦELWA,*

għax huma jkollhom

b'wirthom L-ART"

*Mt. 5, 5*

FRAR 2014 ■ L-34 SENA ■ GHADD 337

NEWSPAPER POST ■ IISN 1811-5373

# Werrej


3 **Editorjal**
Jum il-Morda

4 **Iż-Żwieġ u l-Familja fil-Pjan ta' Alla**
minn Nikol Baldacchino

6 **Pastorali tas-Saħħa**
minn Fr Mario Attard OFMCap.

8 **Kultura**
minn Joseph C. Camilleri

10 **Gi.fra.**
minn Marija Spiteri

12 **40 Sena ta' Preżenza fil-Kenja**
Intervista minn Fr Philip Cutajar OFMCap.

14 **Kappelli afdati f'idejn il-Kapuċċini**
minn Max Farrugia

16 **Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet**
minn Fr Silvestru Bonavia OFMCap.

18 **Mill-Iskola ta' Patri Piju**
minn Fr Joe Buttiġieġ OFMCap.

20 **Franġiskaneżmu**
minn Fr Ivan Scicluna OFMCap.

22 **Ħutna Kapuċċini li ħallewna**
minn Fr Martin Micallef OFMCap. Arkivista Provinċjali

24 **Fra Baskal fin-Novelli (7)**
minn John Caruana

26 **Aħbarijiet tal-Provinċja Kapuċċina f'Malta**
minn Bro. Bertrand Vella OFMCap.

28 **Aħbarijiet Ħidma Missjunarja**
mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini

31 **Kompetizzjoni**
minn Fr Wistin Attard OFMCap.





**dawl Franġiskan**
LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

Aħna msejħin sabiex inkunu ta' qalb ħelwa u umli, ma' kulħadd u f'kull ċirkustanza. Din hija l-istedina li kontinwament Ġesù jagħmlilna fl-Evanġelju, stedina li jekk nilqgħuha tagħmilna tassew Insara. Sejrin niċċelebraw JUM IL-MORDA... inkunu ta' qalb ħelwa magħhom. Inkunu ta' qalb ħelwa mat-tfal, mar-refuġjati li jiġu fostna, mal-midinbin u ma' kull min iħossu b'xi mod emarġinat.


Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Il-Furjana - FRN1211**



**Bord Editorjali**

***Editur***
Fr Philip Cutajar OFMCap.

***Amministratur***
Fr Crispin Tabone OFMCap.

***Distributuri Malta***
Dorian Holland OFS

***Distributuri Għawdex***
Pierre E. Buttiġieġ OFS

***Membri***
Joe Debattista - GFF
Gordon Swain - ĠIRFA



**Direzzjoni u Amministrazzjoni**

Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

***Telefown:*** 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

***Imejl:***
cutajarphilip777@gmail.com

***IISN 1811-5373***

***Disinn, Layout u Mitbugħ***
Best Print Co. Ltd
***Telefown:*** 2168 0789

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidħru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriżerva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidħrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



***© Dawl Franġiskan 2014***
***Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini***



EDITORJAL Fr Philip Cutajar OFMCap.

# Jum il-Morda

Ta' kull sena, matul ix-xahar ta' Frar, insibu diversi jiem li huma ddedikati għal xi kategorija ta' nies partikolari, għal xi avvenimenti speċjali jew sabiex ifakkru xi mumenti storiċi tal-imgħoddi. Fost dawn għandna: JUM IL-ĦAJJA RELIĠJUŻA (Festa tal-Kandlora) – 2 ta' Frar; IL-JUM KONTRA L-KANĊER – fl-4 ta' Frar; IL-JUM KONTRA L-MUTILAZZJONI ĠENITALI FEMMINILI – 6 ta' Frar; JUM IL-MORDA – 11 ta' Frar; IL-JUM TA' DAWK LI JGĦIXU WEĦEDHOM (Single Awareness Day) – 13 ta' Frar; JUM IL-MAĦBUBIN – SAN VALENTIN – 14 ta' Frar; JUM IL-ĠUSTIZZJA SOĊJALI – 20 ta' Frar. Ma' dawn żgur li hemm oħrajn li għal min huma ta' ħafna importanza u għal min inqas. L-iskop ta' dawn il-jiem huwa li niċċelebraw filwaqt li nilħqu l-iskop li għalih qegħdin jiġu ċċelebrati.

Nixtieq niddedika din il-kitba tiegħi lil Jum partikolari fost dawn li semmejt: JUM IL-MORDA li jiġi ċċelebrat nhar il-11 ta' Frar, festa tal-Madonna ta' Lourdes. Dan ġie mwaqqaf nhar it-13 ta' Mejju 1992 mill-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-JUM DINJI TAL-MORDA għandu bħala għanijiet:

- Li jissensibilizza l-Poplu ta' Alla u lis-soċjetajiet kollha bl-iskop li jassiguraw l-aħjar assistenza medika lill-morda kollha;
- Li jgħin lill-marid sabiex jagħti valur, kemm fuq livell uman u mhux inqas fuq livell spiritwali, lid-dulur u t-tbatija;
- Li jħeġġeġ sabiex kull djoċesi, kull komunità Nisranija u kull kongregazzjoni reliġjuża jingħataw bl-akbar dedikazzjoni għall-pastorali tas-saħħa;
- Li jiġi apprezzat u fl-istess waqt jitkattar il-volontarjat. Issir enfasi fuq il-ħtieġa tat-trawwim spiritwali u morali ta' dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa;
- U mhux inqas li jkompli jħeġġeġ lis-saċerdoti djoċesani u reliġjużi, li jaħdmu kontinwament ma' min qed ibati, sabiex jifhmu aħjar il-ħtieġa tal-assistenza reliġjuża lill-marid.

Għal dan IL-JUM DINJI TAL-MORDA 2014 il-Papa Franġisku qed jagħtina messaġġ tal-okkażjoni. Huwa jibni d-diskors tiegħu fuq il-FIDI LI TINBIDEL F'IMĦABBA. "Il-FIDI f'Alla twajjeb," jikteb il-Papa, "tinbidel fl-IMĦABBA tagħna lejn min qed ibati. Il-FIDI fi Kristu mislub tinbidel f'QAWWA sabiex nibqgħu NĦOBBU f'kull ċirkustanza u lil kulħadd, anke lill-għedewwa tagħna." Il-Papa Franġisku jkompli jgħidilna li "nistgħu u għandna NĦOBBU lill-oħrajn hekk kif Alla ĦABB lilna meta ta ħajtu għalina."

**JUM IL-MORDA** jiġi ċċelebrat nhar il-11 ta' Frar, festa tal-Madonna ta' Lourdes.

Huwa ferm meħtieġ li anke f'pajjiżna nieħdu aktar bis-serjetà dan IL-JUM DINJI TAL-MORDA f'kull qasam, minn kull aspett u ma' kull tip ta' morda. Ma nħallux din iċ-ċelebrazzjoni tgħaddi mingħajr ma nagħmlu ħilitna sabiex ilkoll kemm aħna nieħdu l-frott tagħha. Fuq kollox nagħmlu dak li jgħidilna l-Papa Franġisku f'għeluq il-messaġġ tiegħu: "Ngħixu l-Jum Dinji tal-Morda f'għaqda ma' Kristu Mislub."



IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA FIL-PJAN TA' ALLA Nikol Baldacchino

# Iż-Żwieġ ifisser li nsiru Ġisem wieħed

Fl-aħħar żewġ artikli rajna kif Alla ried li ir-raġel u l-mara jkunu ta' xulxin u għal xulxin. Sa mill-bidu l-pjan tiegħu kien li jkunu qalb waħda, moħħ u ġisem wieħed. Dan il-pjan jidher ftit aktar ċar fid-dikjarazzjoni li Alla għamel fuq iż-żwieġ: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed." (vers 25)

Rajna kif l-imħabba ta' bejn il-miżżewġin hija mħabba unika u singulari li hija mibnija fuq deċiżjoni li tibqa' fidil għal għomrok kollu lejn persuna oħra.

Illum se naraw kif l-għaqda fiżika hija essenzjali għaż-żwieġ u kif dan jifforma parti mill-istess pjan ta' Alla.

Xi wħud, għadhom sfortunatament, iħarsu lejn l-għaqda fiżika, b'mod partikolari l-għaqda sesswali bejn il-miżżewġin, bħala xi ħaġa li donnu mhijiex qaddisa, jekk mhux ukoll indiċenti jew "maħmuġa" u għalhekk m'għandhiex x'taqsam ma' Alla. Donnu li l-kelma "ġisem" tfakkarna biss f'dak li hu biss fiżiku u ma hemm l-ebda spirtu fih. Min jirraġuna hekk ikun qed jinsa li ġisimna, demmna u laħamna, kien maħluq biex ikun tempju tal-Ispirtu ta' Alla, u għalhekk lill-ġisem uman irridu nirrispettawh u nagħtuh il-ġieħ li jistħoqqlu, inħarsu lejh b'għożża u nibżgħu għalih, għaliex hu maħluq minn Alla bi pjan preċiż għalih.

L-għaqda fiżika fiż-żwieġ hija għażiża għal Alla daqskemm hija għażiża l-legalità u l-fedeltà fiż-żwieġ. Dan ma jeskludix li xi wħud, li fl-injoranza tagħhom jew b'mod abbużiv, jidħlu għaż-żwieġ bl-iskop uniku li jissodisfaw biss il-ġibda fiżika tagħhom.

Imma l-għaqda bejn il-miżżewġin tfisser ħafna u ħafna aktar minn sempliċiment għaqda fiżika. Tfisser li żewġ persuni jaqsmu bejniethom dak kollu li għandhom, mhux biss lil ġisimhom, mhux biss l-affarijiet materjali tagħhom, il-ħin tagħhom, darhom, imma wkoll l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom, il-ferħ u t-tbatija tagħhom, it-tamiet u l-biżgħat tagħhom, is-suċċessi u l-fallimenti tagħhom.

"Li ssir ħaġa waħda" ifisser li żewġ persuni jsiru kompletament ġisem wieħed, spirtu wieħed, ruħ waħda, filwaqt li xorta waħda jibqgħu żewġ persuni differenti minn xulxin. Dan hu l-misteru profond taż-żwieġ. Mhux faċli li tifhmu. U aktar u aktar tgħixu! Hawn min ma jasal qatt biex jaqbad is-sens tal-għaġeb tiegħu. Mhux ta' b'xejn li quddiemu, ħafna jitħawdu, jaqtgħu qalbhom, u jibżgħu miż-żwieġ u l-familja. Imma dan il-misteru huwa reali, u nistgħu nesperjenzawh, aktar milli nitkellmu dwaru, nistgħu nduqu l-kobor tiegħu meta naċċettawh u nintelqu fih.

Mela dak li rajna fl-ewwel artiklu "li tħalli" u dak li rajna fit-tieni artiklu "li tingħaqad" u dak

li qed ngħidu issa "li ssir ġisem wieħed" huma inseparabbli minn xulxin. Ma jistax ikollok wieħed mingħajr ma jkollok it-tnejn l-oħra wkoll. Jekk jonqsok wieħed, allura ż-żwieġ mhux komplut. Huma dawk biss "li ħallew", u dawk biss "li jingħaqdu" esklussivament ma' xulxin, li jistgħu "isiru ġisem wieħed". Bħalma jeżistix trijanglu jekk ikun jonqsu anglu wieħed, ma jkollokx żwieġ jekk wieħed minn dawn l-elementi jkun nieqes.

### "L-IMPENN TOTALI"

Il-qalba taż-żwieġ huwa l-impenn totali ta' xulxin lejn xulxin, impenn li r-raġel u l-mara jaqsmu flimkien dak kollu li għandhom, imma fuq kollox dak kollu li huma. Iż-żwieġ jinvolvi l-għaqda tad-differenzi; żewġ persuni li huma differenti minn xulxin, sesswalment, emozzjonalment u intellettwalment, kapaċi jsiru ħaġa waħda.

L-għaqda fiż-żwieġ tinvolvi l-aspett ġenitali, imma hija ħafna aktar minn hekk. Hija unità li twassal għall-għaqda tal-moħħ u tal-ispirtu. Hija għaqda tal-"qalb", mhux dik ix-xi ħaġa li tissimbolizza esperjenza emozzjonali, imma dik li twassalna biex turina l-imħabba fidila ta' Alla. Tfakkarna fir-rakkont li nsibu fil-ktieb tal-Profeta Ġeremija fejn Alla jwiegħed li jagħmel patt ġdid mal-poplu tiegħu, miktuba mhux aktar fuq it-twavel tal-ġebel imma mnaqqax fuq it-twavel tal-qlub. (Ġeremija 31:33)

F'din is-sena ż-żwieġ huwa impenn totali. Bħalma Alla jitlob minna li nħobbuh b'qalbna kollha, b'ruħna kollha, u bis-saħħa tagħna kollha, iż-żwieġ jinvolvi l-preżenza, il-ħin, l-enerġija tagħna kompletament lejn xulxin u għal xulxin.

Il-wegħdiet taż-żwieġ ifissru li ma tkejjilx il-prezz tar-relazzjoni. Dan minħabba li huma għotja sħiħa ta' kelma mingħajr l-ebda kundizzjoni. Għalhekk fil-pjan ta' Alla ż-żwieġ mhuwiex sempliċiment kuntratt bħalma huwa ż-żwieġ ċivili, imma huwa "patt". Il-kuntratt jinvolvi bidliet ta' flus jew propjetà; patt jinvolvi persuni u l-personalità tagħhom.

Meta d-dixxipli ta' Ġesù fehmu t-tagħlim tiegħu dwar l-impenn totali tal-koppja miżżewġa lejn xulxin, u l-indissolubilità taż-żwieġ, bhal donnhom inhasdu u thawdu, u qalulu, "Mela ladarba din hija l-kundizzjoni tar-raġel mal-mara, ma jaqbilx li wieħed jiżżewweġ." Il-fedeltà sħiħa u dejjiema li tibqa' għal tul il-ħajja kollha, mingħajr l-ebda bieb imbexxaq tad-divorzju, dehret għalihom, bħalma tidher għal ħafna llum elfejn sena wara, diffiċli immens, kważi impossibbli.

Min jaf? Forsi għal bniedem waħdu, imperfett u mhux mifdi mill-jasar tad-dnub, ir-rabta sħiħa għal dejjem tidher impossibbli. Hawn jidħol is-sens taż-żwieġ bħala sagrament. Is-sagrament huwa mezz u sinjal, huwa għajn tal-grazzja ta' Alla, ta' għotja qaddisa u divina, li tasal għand il-miżżewġin mingħand Alla nnifsu permezz ta' xulxin.

Iż-żwieġ Nisrani jibda fit-tieġ, imma jrid jitkompla matul il-ħajja kollha. Il-miżżewġin jiżżewġu darba, imma jridu jgħixu s-sagrament il-ħin kollu. Il-ħin kollu Alla jqaddes lill-mara permezz ta' żewġha, u lir-raġel permezz ta' martu, li flimkien iwasslu l-grazzja ta' Alla lil uliedhom. Is-sagramenti jitqiesu bħala l-kanali tal-imħabba, il-ħniena u l-qawwa ta' Alla. Iż-żwieġ Nisrani bħala sagrament huwa mezz biex permezz tar-relazzjoni intima u profonda tar-raġel u l-mara, u aktar tard tal-ulied, tasal din it-tjubija ta' Alla għand xulxin.



**Iż-żwieġ Nisrani jibda fit-tieġ, imma jrid jitkompla matul il-ħajja kollha.**



 Fr Mario Attard OFMCap.

# Father! It-Tali Ħalliena!

Il-mewt. L-isptar laqqamnieha Ċensa! Xi kultant donnha tibqa' siekta. Drabi oħra m'għandhiex kwiet! L-aktar jekk il-mowbajl tal-Patri ma jiqafx itiha! Ovvja! Ċensa taf tkun mgħaġġla tagħmel xogħolha. Tagħmlu. Xi drabi ma ddumx!

Ġieli Ċensa tiġi introdotta lili bil-frażi: "Father, dak il-pazjent ħalliena!" Waqt li nkun sejjer lejn is-sodda tal-pazjent nintefa' f'baħar ta' ħsibijiet. M'għandniex xi ngħidu l-ħsibijiet ivarjaw skont il-każ. Jekk il-mewt inkunu qegħdin nistennewha, id-dieqa, għalkemm tibqa' hemm, ma tkunx daqshekk intensa. Imma anki hawn ma jfissirx li ċertu mwiet, anki jkunu mistennija minn waqt għall-ieħor, dak li jkun ma joħodhiex bi kbir! Ċertu mwiet, l-aktar fejn jidħlu ż-żgħażagħ, huma xokkanti.



Bħalissa tiġini quddiem għajnejja mewta ta' pazjenta żagħżugħa li kelli x-xorti nterraq magħha l-vjaġġ f'mawritha l-isptar. Għal għadd ta' raġunijiet kellha tħalli xtutna għal iktar kura. Talb sar kemm trid. Tlabna u ġib lil min jitlob. Imma l-istorja ta' din iż-żagħżugħa qalbiena kellha tmiem għalkollox differenti milli ħsibna. Ħallietna! Marret ħdejn il-Ħallieq li ħabbha u ħabbet. Niftakar biss li meta rċevejt mingħand ommha l-*sms* li ħallietna qalbi ċċarrtet. Lanqas id-distanza ta' daqshekk eluf ta' mili ma setgħet toħnoq fija s-sentiment qawwi tan-niket! Anzi! In-niket u t-tifkiriet tagħha aktar żdiduli. Dan għaliex ġejt iktar konxju ta' dak li twettaq ma' din it-tfajla biex tibqa' magħna. Il-weġgħa tat-telfa tagħha ħassejnieha lkoll kemm aħna. Aħna, li konna involuti mill-viċin!

Intant. Nasal ħdejn is-sodda tal-pazjent u nara quddiemi xena ta' qsim il-qalb. Ġieli kelli nerfa' din ix-xena waħdi għaliex il-pazjent spiċċa miet waħdu. Ir-raġunijiet ikunu diversi. Forsi l-pazjent ma kellux familjari. Allura miet bħalma jmut kelb fit-triq. Il-weġgħa tat-telfa ta' xi ħadd li miet waħdu, bla akkumpanjament familjari, hija kbira! Tinħass! Donnu anki s-sema jibkiha realtà bħal din! Għaliex anki l-Iben ta' Alla, minkejja li kellu minn bagħdu daqshekk, xorta waħda kellu lil Ommu, lid-Dixxiplu l-Maħbub u lil Marija ta' Magdala jibkuh biswit is-sodda ta' mewtu. Is-salib!

Drabi oħra ħassejt dieqa kbira tiġri ma' ġismi kollu l-għaliex il-familjari tal-persuna ma laħquhiex. Jaf tkun mietet f'daqqa! Meta ħadd kien qiegħed jistennieha f'mitt sena! Mhux l-ewwel darba li kellna pazjenti li t-tabib kien kważi ċċertifikahom ħa jmorru lura fi djarhom meta, ironikament, kellu issa jissejjaħ b'urġenza biex, din id-darba, jiċċertifikahom mejtin!

Imbagħad l-esperjenza tiegħi laqqgħetni ma' tip ieħor ta' mwiet. Jiġifieri fejn il-familjari tal-persuna jkunu mħejjija li l-persuna maħbuba tagħhom tkun se tmut. Hawnhekk il-familjari jkollhom iċ-ċans li jqassmu l-ħin bejniethom ħalli l-persuna moribonda tmut kemm jista' jkun fl-imħabba u fl-għożża tal-familja. F'sitwazzjonijiet bħal dawn ma tantx ikolli x'ngħid għajr li nħalli l-ambjent innifsu jintroduċini hu għat-talb. Ġieli n-niket ikun tant kbir li ma nkunx nista' nitlob. U ma jkunx prudenti li jsir hekk lanqas. Għalhekk, f'sitwazzjonijiet fejn in-niket ikun tassew kbir, inbierek minn qalbi lill-mejjet u lill-familjari mnikkta tiegħu ħalli fejn ma jasalx it-talb vokali tiegħi tasal il-barka ta' Alla li tinfed kull ħajt imbarrat bin-niket.



Rari kien hemm każijiet fejn ma tħallejtx immur ħdejn il-mejjet. Madankollu każ partikulari kien meta tifel ċkejken iddaħħal l-isptar b'urġenza. Wara għadd ta' tentattivi biex iħaddmulu qalbu t-tifel baqa' mejjet. Qalbu ma tħarrkitx aktar! Il-ġenituri tiegħu tant kemm inħakmu mid-dulur aħrax tal-mument li bl-ebda mod ma riedu jaraw Patri quddiem għajnejhom. Jista' jkun li d-dulur tant kemm għamiehom li ħasbu li kien Alla li qatlilhom lil binhom. Niftakarni nqaddes quddiesa għalihom sabiex il-Mulej jifttħilhom moħħhom u jagħrfu kemm iħobbhom! Nemmen li sa dan iż-żmien dan il-fejqan beda jseħħ!

> "U ara, jiena magħkom DEJJEM"
> *Mt. 28, 20*



Il-misteru tal-mewt ma jaħfirha lil ħadd. Anki lil dik it-tarbija li tkun għadha kemm twieldet. Imliet lill-familjari tagħha b'ferħ u tama li ma titfissirx. Biex imbagħad, bħal riħ bla xita, kellha tinfatam bilġri minn dawk li jħobbuha! Din ukoll tidħol fil-lista ta' dawk li ħallewna!

U xi tkun it-tweġiba tal-Patri quddiem dawn is-sitwazzjonijiet kiefra? Xejn għajr il-preżenza sinċiera u rispettuża ta' Dak li qalilna: "U ara, jiena magħkom DEJJEM" (Mt 28:20). "Dejjem", qal. Jiġifieri f'kull ċirkustanza ta' ħajjitna. Anki f'dik meta oħtna l-mewt iżżurna biex tqaċċatna minn art il-ħajjin. Hu, fil-Patri, jorbotna miegħu b'rabta li ma tinħall qatt!

Anki jekk f'mewtna kulhadd iħallina Hu ma jħallina qatt!



KULTURA Joseph C. Camilleri

# L-Oriġini ta' Jum San Valentinu





L-oriġini ta' Jum San Valentinu tmur lura għaż-żmien ir-renju ta' Ruma jew aħjar żmien ir-Rumani. Insibu tliet leġġendi dwar dan l-oriġini ta' dan il-jum, tliet leġġendi li għandhom xi ftit ta' xebh bejniethom. L-ewwel leġġenda tgħid: li wieħed Nisrani ġie maqtul fl-14 ta' Frar tas-sena 269 wara Kristu. Dan in-Nisrani kien jismu Valentinu u waqt li kien fil-ħabs kiteb ittra lil bint il-gwardjan tal-ħabs. F'din l-ittra hu sellem lil din it-tfajla bil-kliem – *Mingħand il-Valentinu tiegħek.* Dejjem skont din il-leġġenda dan in-Nisrani ma ffirmax l-ittra tiegħu.



Leġġenda oħra tgħid li qassis Valentinu tat-tempju ta' Ġuno, is-sultana tal-allat Rumani, ġie mitfugħ il-ħabs. Dan kien fuq l-ordni tal-Imperatur Klawdju. Fl-14 ta' Frar dan ġie maqtul. Il-Knisja li matul l-istorja dejjem ippruvat tagħti sens Kristjan lil dak li hu pagan hekk għamlet f'din il-leġġenda. Kien il-Papa Gelasius li ammar li l-14 ta' Frar ikun iddedikat lil San Valentinu.



L-aħħar leġġenda tgħid li waqt li kien l-Imperatur Klawdju II fuq it-tron ta' Ruma, kien hemm diversi kampanji militari. L-Imperatur kien qed isibha diffiċli biex isib suldati biżżejjed. L-irġiel ma ridux iħallu Ruma, il-familja tagħhom u l-maħbubin tagħhom. Għalhekk l-Imperatur ħareġ ordni fejn iż-żwieġ u l-għerusija kellhom jispiċċaw darba għal dejjem minn wiċċ Ruma. Valentinu kien qassis u dan flimkien ma' qassis ieħor Marius, li wara sar qaddis ukoll, komplew iżewġu 'l-Insara. Dan kien qed isir fil-moħbi. Instab dak li kien qed iwettaq dan Valentinu u għalhekk

ġie kkundannat għall-mewt. Dan kien fl-14 ta' Frar tas-sena 270 Wara Kristu.

### AKTAR ŻVILUPP

Bil-mod il-mod fl-14 ta' Frar il-maħbubin f'xi pajjiżi, daħħlu d-drawwa li jibagħtu messaġġi lil xulxin. Dawn il-messaġġi kien ikun fihom anke xi poeżija u xi drabi xi riġal. Bdew jiġu organizzati ballijiet u laqgħat għall-maħbubin. Dan kien isir biex f'dan il-jum il-maħbubin jiltaqgħu u jqattgħu ftit ta' żmien flimkien. Għalhekk San Valentinu sar il-patrun tal-maħbubin. Fis-seklu 19 Jum San Valentinu sar wieħed kummerċjali. Bil-mod il-mod bdew deħlin il-kartolini ta' Jum San Valentinu.

### DRAWWIET

Fl-14 ta' Frar f'Ruma daħlet id-drawwa fejn jinkitbu l-ismijiet tat-tfajliet Rumani f'ġarar tal-fuħħar. Kull żagħżugħ kellu jtella' isem wieħed minn dawn l-ismijiet u l-għada, Jum Lupercalia, iqatta' jum sħiħ ma' din it-tfajla. Xi drabi l-koppja kienet tkompli matul is-sena kollha. Kultant din il-kopja kienet ukoll tiżżewweġ.



Fl-Ingilterra daħlet id-drawwa li f'jum San Valentinu, it-tfal jilbsu tal-kbar. Dawn kienu jinġabru ċorma ċorma u kienu jduru dar dar. Dawn kienu jkantaw f'kor. Waħda mill-kanzunetti kienet tgħid:

"Jum it-Tajjeb Valentinu,
agħmel xahrek mimlija nokkli
bħalma hija tiegħi,
żewġ nokkli quddiem u tlieta wara,
Jum it-tajjeb għalik, Valentinu."

F'Wales kien hemm id-drawwa li f'dan il-jum wieħed jagħti riġal speċjali. Dan kien kuċċarun kbir tal-injam. Fuq dan il-kuċċarun kien ikun hemm disinji ta' qlub u mfietaħ. Dawn id-disinji kellhom messaġġ speċjali, li jiftħu l-qlub ta' kulħadd, naturalment tal-maħbubin. F'xi pajjiżi kien hemm id-drawwa li jekk it-tfajla kienet iżżomm il-bċejjeċ tad-drapp li tkun irċeviet bħala riġal mingħand xi żagħżugħ dan kien ifisser li hija kienet ser tiżżewweġ, xi darba, dan iż-żagħżugħ.

Kien hemm it-twemmin li jekk mara kienet tilmaħ pitirross f'Jum San Valentinu dan kien ifisser li hi kienet ser tiżżewweġ baħri. Jekk tara għasfur tal-bejt kien ifisser li hi kienet ser tiżżewweġ wieħed fqajjar. Però dan kien ser ikun żwieġ ferrieħi. Jekk kienet tara kanarin dan kien ifisser li hi kienet ser tiżżewweġ wieħed mimli flus.



## RADJU MARIJA

Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet! Kun af bil-proġetti ta' fejda li huma qed iwettqu għall-miljuni ta' nies fil-bżonn imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.

Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.





Gi.Fra. Marija Spiteri

# L-AVVENTura tal-Gi.Fra.



L-AVVENTura kien it-titlu ta' *live-in* li jiena attendejt għalih flimkien ma' sħabi tal-Gi.Fra. fi żmien l-Avvent bi preparazzjoni għall-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-*live-in* ta' din id-darba kien maqsum fi tliet partijiet. L-istennija tat-twelid ta' Ġesù, il-miġja ta' Ġesù Kristu u l-Evanġelizzazzjoni. Biex nippreparaw għall-istennija ta' Ġesù, ġew ippreparati diversi attivitajiet u fosthom kellna laqgħat imtellgħa minn Fr Josef Conv. u Br Bertrand Vella OFMCap.

Dawn il-laqgħat wassluna biex nifhmu verament il-vjaġġ li kull Nisrani għandu jagħmel fil-ħajja tiegħu. Bdejna nifhmu li mhux kull persuna tagħmel jew aħjar tesperjenza l-istess vjaġġ fil-ħajja tagħha u ħafna drabi dan jiddependi miċ-ċirkostanzi li wieħed











jiltaqa' magħhom. Huma ħafna affarijiet li jistgħu jkunu ta' xkiel fil-vjaġġ tiegħek u fosthom wieħed jista' jsemmi ħafna allat foloz li faċilment norbtu qalbna magħhom bħal flus u xalar żejjed. Dan rajnieh fil-video 'The Great Gatsby', li fih jieħu sehem Leonardo di Caprio, fejn rajna ħajja mimlija materjaliżmu ta' din id-dinja li wasslet lill-attur biex ma jilħaqx l-iskop li kien ilu ħajtu sħiħa jaħdem għalih anzi li wasslitu biex jitlef kollox, saħansitra ħajtu.

Bl-istess mod in-Nisrani kontinwament għaddej ifittex li jirrispondi mistoqsija fundamentali – 'x'inhi l-verità?' Din hija waħda, però hemm diversi modi kif tista' tilħaqha. Il-verità hija l-ferħ veru li lin-Nisrani tagħmillu ħajtu kompluta. Però wieħed jistaqsi kif jista' jsib dan il-ferħ veru f'din il-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu fiha llum? Is-sigriet tan-Nisrani hu li jieqaf jirrifletti fuq il-ħajja li qed jgħix u b'dan il-mod ikun jista' jagħraf f'liema direzzjoni jinsab. Nemmen li dan il-*live-in* li esperjenzajt huwa wieħed mill-mezzi kif wieħed jista' jieqaf u jirrifletti ftit. Metodi oħra huma li tuża l-ħin tal-ivvjaġġar tiegħek, ħin waqt li tkun qed tinħasel jew inkella ħinijiet oħra fejn inti tkun waħdek biex tinsa kollox u taħseb fuq ħajtek. Mument matul il-*live-in* li wassalni iktar biex naħseb fuq il-vjaġġ personali li qed nagħmel jien huwa l-esperjenza ta' dawk il-mumenti li qattajt quddiem l-Ewkaristija waqt ħin ta' Adorazzjoni.

Il-Laqgħa ma' Ġesù Kristu tista' sseħħ meta inti tilqa' l-istedina li Hu jagħmillek u tiftaħlu l-bieb ta' qalbek biex Hu jibda jagħmel parti minn ħajtek. Normalment in-Nisrani jista' jgħix dan billi jgħix is-sagramenti fosthom is-sagrament tal-Qrar fejn il-bniedem jinsa s-suppervja u jagħraf l-iżball tiegħu biex jirrikonċilja ma' Alla u miegħu nnifsu. Bħalma rajna fl-aħħar tal-vjaġġ matul il-*live-in*, in-Nisrani ma għandux jieqaf mal-laqgħa ma' Ġesù biss iżda għandu d-dmir li jxandru lil ħutu, u din hija l-Evanġelizzazzjoni. Din tal-aħħar tista' ssir b'diversi modi ibda mill-ħajja eżemplari li wieħed għandu jgħix u ssegwi b'atti ta' karità li jagħmel mal-proxxmu.

Din hija l-AVVENTura tal-ħajja ta' kull Nisrani li fil-veru sens tagħha ma għandhiex tmiem għax tilħaq il-qofol tagħha fil-ħajja ta' dejjem. Għalhekk dan hu l-messaġġ għall-bidu ta' sena ġdida li nixtieq inwassal: L-avventura ta' kull bniedem ma tispiċċax ma' din id-dinja għalhekk ejja nkunu dejjem lesti u preparati bħalma nsibu fil-Ktieb tal-Makabin, Kapitlu 13

"Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux filgħaxija, jew f'nofsillejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ, li ma jmurx jiġi għal għarrieda u jsibkom reqdin."

Mk:13:35-36.



# Niltaqgħu ma' Father Joe Galea OFMCap.

## Missjunarju f'Hola, Il-Kenja



### 1 Kemm ilek missjunarju fil-Kenja u kif ħassejtek imsejjaħ biex tidħol għal din il-ħidma fil-Knisja?

Jiena qaddist fl-20 ta' Lulju tas-sena 1974. Konna grupp ta' 51 saċerdot ġdid ordnati presbiteri mill-mibki Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Minn dawn il-51 saċerdot, aħna bħala Kapuċċini konna 12. Is-sena tal-ordinazzjoni tiegħi kienet l-istess sena li fiha l-Provinċja tagħna ħadet l-impenn li tibgħat l-ewwel missjunarji fil-Kenja. Dan ifisser li filwaqt li matul din is-sena qed jiġi ċċelebrat għeluq l-40 sena tal-Preżenza tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja, jiena flimkien ma' sħabi tal-grupp qegħdin ukoll niċċelebraw għeluq l-40 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħna.

Jiena minn dejjem ħassejt li l-ħidma missjunarja hija l-vokazzjoni tiegħi. Kien għalhekk li proprju f'inqas minn sena li kont ili ordnat saċerdot jiena tlabt li mmur bħala missjunarju fil-Kenja. Kien mument fejn donnu ħadd ma ried imur. Ir-risposta għat-talba tiegħi ġiet aċċettata. Kien nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 1975 li jiena tlaqt minn Malta lejn il-Kenja. Għaddew 39 sena. Qatt ma rritornajt lura. Diġà ili hawnhekk fil-Kenja bħala missjunarju dawn is-snin kollha u ma jiddispjaċinix. Ninsab ferm kuntent.

### 2 Matul dawn is-snin li ilek bħala missjunarju fil-Kenja x'kienu l-ħidmiet ta' evanġelizzazzjoni (kemm fuq livell pastorali kif ukoll soċjali) li wettaqt?

Bħala missjunarju l-ħidma prinċipali tiegħi kienet dik ta' kappillan f'Hola. Din hija parroċċa li matul dawn id-39 sena rajtha tikber u tespandi mhux biss fuq livell ta' territorju u kwantità ta' nies imma wisq iżjed fuq livell ta' fidi u bħala komunità Nisranija. Ix-xogħol prinċipali u li lilu dejjem tajt l-ewwel valur dejjem kien ix-xogħol pastorali.

Ma' din il-ħidma pastorali missjunarju f'pajjiż bħalma huwa l-Kenja ma jistax jeskludi l-ħtieġa kontinwa tal-ħidma soċjali. Dejjem fittixt li mingħajr ma nittraskura u nagħti prijorità lill-ħidma pastorali f'kull sens tagħha dejjem fittixt li nagħti kull għajnuna soċjali lin-nies tagħna bil-għan li narahom jgħixu b'dinjità u bl-inqas tbatija possibbli.

### 3 Fiex tikkonsisti l-ħidma preżenti li qed twettaq bħalissa?

Il-ħidma li jiena wettaqt matul dawn id-39 sena f'Hola hija waħda li għaddiet minn proċess fejn filwaqt li nrodd ħajr lil Alla, wieħed jista' jara progress enormi minn kif kienet u issa. Dan m'għamiltux waħdi. Kien hemm fuq kollox l-id kontinwa ta' Alla u mhux inqas id-diversi missjunarji li għaddew minn Hola u taw il-kontribut tagħhom. Miegħi għal snin twal kelli lis-Sorijiet Maltin ta' Ulied Il-Qalb ta' Ġesù, illum għandi miegħi lill-Patri Spiru Galea minn Għawdex. Issa qed ikollna magħna wkoll Aħwa Kapuċċini Kenjani frott il-ħidma vokazzjonali li saret matul is-snin.

Il-ħidma li qegħdin inwettqu fil-preżent hija dik li nkomplu nsaħħu dak li għamilna b'tant tbatija matul l-imgħoddi, nestendu l-ħidma tagħna fi rħula u stazzjonijiet oħra u nagħtu l-għajnuna meħtieġa lill-parroċċi ta' Bura u dik ta' Wenje li t-tnejn li huma ħarġu mill-parroċċa ta' Hola. B'hekk il-mira tax-xogħol tagħna preżenti huwa li jkollna parroċċi aktar organizzati tajjeb.

### 4 Xi żviluppi tara li seħħu matul dawn is-snin li ilek fil-Kenja kemm fuq livell ta' Knisja u mhux inqas fuq il-livelli kemm soċjali kif ukoll politiku?

Jekk nitkellmu minn livell ta' Knisja nistgħu ngħidu li tul dawn id-39 sena li jiena ili hawn sar ħafna progress. Kemm jekk nitkellmu mill-aspett ta' Knisja fil-Kenja li din kompliet testendi, torganizza aktar l-istrutturi tagħha u mhux inqas l-animazzjoni fid-diversi ħidmiet pastorali.

Hekk ukoll jekk nitkellmu mill-knisja f'Hola fejn jiena qiegħed naħdem. Hawnhekk kif diġà għidt tant żdiedu l-kattoliċi li minn parroċċa waħda, dik ta' Hola, ħarġu tnejn oħra: dik ta' Bura u l-oħra ta' Wenje. Fil-lingwaġġ li nħobbu nużaw aħna l-Maltin, lingwaġġ li hawn fil-missjoni m'hemmx postu, nistgħu nsejħu l-parroċċa ta' Hola bħala Parroċċa Matriċi peress li minnha ħarġu żewġ parroċċi oħra. Matul is-sena 2013, is-sena li għadna kemm spiċċajna kellna 99 magħmudija tat-tfal filwaqt li kien hemm 16-il magħmudija tal-kbar. Kellna wkoll 19-il adult li bdew it-tagħlim biex jitgħammdu fl-Għid ta' din is-sena. Ma' dawn tajjeb li nżidu it-88 tifel u tifla li rċivew l-Ewwel Tqarbina.

Inwieġeb għat-tieni parti tal-mistoqsija tiegħek nista' ngħid li anke hawnhekk, jiġifieri fuq livell politiku fil-pajjiż, sar żvilupp enormi. Matul dawn l-aħħar snin qegħdin ninnutaw mixja kostanti lejn żvilupp aktar demokratiku kif nifhmuh aħna l-Ewropej speċjalment bl-introduzzjoni ta' aktar minn partit wieħed. Però sar kemm sar progress fil-Kenja fuq livell politiku, nistgħu ngħidu li għadna qegħdin f'perjodu ta' tranżizzjoni.



### 5 Matul iż-żmien li għaddejt il-Kenja hemm xi esperjenza partikulari li tant laqtitek u forsi għadha impressjonata f'qalbek li tixtieq taqsamha mal-oħrajn?

Il-ħajja tal-missjunarju hija ħajja mżewqa minn diversi esperjenzi. Jgħaddi minn esperjenzi sbieħ li jimlewh bil-kuraġġ u jkunu għalih ta' stimolu sabiex jibqa' jaħdem bla ma jaqta' qalbu; però jgħaddi wkoll minn diversi esperjenzi fejn jekk ma tkunx temmen fl-Anġlu Kustodju tibda temmen żgur. Quddiem esperjenzi bħal dawn issir ukoll temmen li inti m'intix waħdek imma hemm Alla li qiegħed kontinwament miegħek fid-diversi ħidmiet li bħala missjunarju tkun imsejjaħ li twettaq.

Quddiem dawn l-esperjenzi nsejħulhom koroh jew tal-biża' rridu dejjem nafdaw fl-għajnuna ta' Alla u għalhekk nixtieq inħeġġeġ lill-qarrejja kollha sabiex ma jiqfux jitolbu għalina bil-għan li l-Mulej jeħlisna minn kull periklu mhux biss tar-ruħ imma wkoll tal-ġisem. Il-ħajja tagħna li ħafna drabi nħabbtu wiċċna ma' perikli fit-toroq, perikli mill-ħallelin, periklu mill-mard bħalma hija l-malarja u tant perikli oħra, hija ħajja f'riskju kontinwu però fl-istess waqt issir ħajja ta' fidi u fiduċja kontinwa f'Alla li ma jiqafx jieħu ħsiebna.

### 6 Xi proġetti u tamiet tara għall-futur tal-Knisja kif ukoll tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja?

Jekk il-Missjunarju jieqaf joħlom u jippjana għall-futur isir bniedem sterili fil-ħidma tiegħu. Aħna hawnhekk dejjem noħolmu kif sejrin inxerrdu s-Saltna ta' Alla man-nies li niltaqgħu magħhom, kif sejrin ngħinu lin-nies jgħixu aktar ta' nies bid-dinjità umana sħiħa tagħhom, kif sejrin innaqqsulhom it-tbatija, il-mard, il-ġuħ, l-analfabetiżmu u mitt elf ħaġa oħra. Tagħmel kemm tagħmel qatt mhu biżżejjed. Għalhekk trid dejjem toħlom u wara tippjana u tirsisti sabiex il-ħolm isir realtà.

Però fil-qosor il-qofol tal-ħolm tagħna li nħabirku sabiex jissarrfu fi proġetti konkreti huma li naraw kemm il-Knisja kif ukoll l-Ordni tagħna bħala Franġiskani Minuri Kapuċċini fil-Kenja jkomplu jixxettlu u jikbru fuq sisien sodi.

*Il-ħajja tal-missjunarju hija ħajja mżewqa minn diversi esperjenzi.*

 Max Farrugia



# Il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes fil-Furjana



Il-Patrijiet Franġiskani f'pajjiżna għandhom diversi kappelli u knejjes minbarra Paroċċi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Waħda minn dawn, u li hija popolari ħafna mal-Maltin minħabba fid-devozjoni li hemm lejha hija bla dubju ta' xejn il-Kappella tal-Madonna ta' Loudres li hemm fil-Furjana. Kif naraw aktar 'il quddiem fid-dettal din il-kappella bdiet tinbena fl-1918 minflok oħra li kien hemm dedikata lil Santa Madalena Penitenti li kienet inbniet fl-1706. Din il-kappella kien bnieha l-kommendatur Fra Wolfango Filippo de Guttenburg. Fil-kappella kien hemm l-armi ta' dan il-kommendatur. L-għan ewlieni kien sabiex min iżur il-kunvent u l-knisja tal-patrijiet Kapuċċini li kienet tinsab ftit 'l isfel ikollhom fejn jistkennu. Dak iż-żmien il-binja tal-patrijiet nistgħu ngħidu li kienet f'nofs l-għelieqi peress li l-Furjana kienet għadha mhux mibnija. Skont xi studjużi Franġiskani Konventwali l-art fejn hemm illum il-kunvent, il-knisja u anki din il-kappella kienu ngħataw lill-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini mill-Ordni tal-Konventwali. L-istatwa tal-Madalena li kienet f'pożizzjoni mimduda intilfet meta fi Frar u f'April tal-1942 il-kunvent u l-knisja ġarrbu ħsarat kbar.

L-ewwel kappella kienet ferm iżgħar mil-lum u kienet aktar forma ta' niċċa kbira b'rixtellu tal-ħadid quddiemha. L-Għar li nsibu llum ma kienx hemm u sar wara. Kien hawn li tpoġġiet statwa tal-Madonna ta' Lourdes u Bennardetta li kienet inġiebet minn Franza 23 sena wara li bdew id-dehriet f'dan il-post. Din l-istatwa mill-ewwel bdiet tiġbed devozjoni kbira lejha. Din il-kappella għandha konnessjonijiet mal-Għaqda tat-Trasport tal-Morda f'Lourdres li fil-bidu tas-snin 30 meta kienu bdew jiġu organizzati l-ewwel pellegrinaġġi uffiċjali għal dan il-post sagru kienu jorganizzaw pellegrinaġġ għal din il-kappella mill-Paroċċa tal-Furjana. Illum il-ġurnata dawn il-pellegrinaġġi għadhom isiru imma minħabba l-problemi tat-traffiku r-rotta kellha tinbidel. Dawn il-pellegrinaġġi lokali komplew iżidu u jxerrdu d-devozjoni lejn il-Madonna ta' Lourdes.

Il-ħtieġa sabiex tinbena kappella oħra flok din in-niċċa li kien hemm kienet ilha tinħass ħafna iżda kellhom jgħaddu 37 sena minn meta nġiebet l-istatwa li beda x-xogħol fuq kappella ġdida. Ix-xogħol kien beda fl-1918. L-ispejjeż kienu kbar iżda l-patrijiet ta' dak iż-żmien ma qatgħux qalbhom. Tfaċċaw diversi benefatturi li mhux biss għamlu xogħol b'xejn, fosthom il-perit, imma anke oħrajn devoti lejn il-Madonna ta' Lourdes li ħarġu somom ta' flus. Minħabba li kien hemm il-ħsieb li din il-kappella titkabbar sewwa kien ġie deċiż li tingħata biċċa art propjetà tal-patrijiet Kapuċċini

biex fuqha tinbena Kappella mill-ġdid. L-Għar li hemm illum qatt ma kien parti mill-binja l-antika u dan sar bħala parti minn dan il-proġett. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdew jinqalgħu benefatturi fost dawk tax-xogħol tal-irħam, tal-injam, l-iskultur u oħrajn. Ħafna mill-ispejjeż għax-xiri tal-materjal tħallas ukoll minn ħafna benefatturi. Il-lista hija twila ħafna u mhux se noqgħod nidħol fid-dettall.

Ix-xogħol fuq din il-kappella ħa ftit aktar minn sentejn. Propju fil-festa ta' San Stiefnu tal-1920, l-istatwa wara li nġiebet proċessjonalment mill-paroċċa tal-Furjana tpoġġiet f'din il-kappella. Din il-funzjoni li għaliha attendew numru kbir ta' devoti kienet immexxija mill-Isqof Mawru Caruana. Dakinhar il-Furjana li kienet imżejna, ġew xmara ta' nies, reliġjużi u saċerdoti li għamlu minn din l-okkażjoni festa kbira. Id-diskors tal-okkażjoni tħalla f'idejn Monsinjur Luigi Farrugia, wieħed mill-aqwa predikaturi li kien hemm dak iż-żmien. Wara li l-istatwa tpoġġiet f'postha l-Isqof Caruana qaddes l-ewwel quddiesa wara li aktar kmieni fil-ġurnata kien bierek din il-kappella.

Kif nistgħu naraw sal-lum din il-kappella hija mibnija fuq stil Ruman. Ġejja għat-tond u sserraħ fuq numru ta' kolonni li fuqhom mibnija l-koppla. Bejn dawn il-kolonni f'din il-kappella fost affarijiet oħra nsibu statwa tal-Qalb ta Ġesù u oħra ta' San Ġużepp. Fuq barra l-kappella għandha arkitettura sabiħa ħafna li tpaxxi l-għajn. Ftit li xejn huma l-kappelli li huma daqshekk sbieħ minn barra. Ħafna xogħol seta' jkompli jsir minħabba li l-benefatturi bdew jiżdiedu kull sena. L-ismijiet ta' dawn il-benefatturi huma mfakkra fuq irħam li hemm fuq barra tal-kappella.

B'xorti tajba matul il-gwerra din il-kappella ma tantx ġarrbet ħsarat kbar, meta wieħed iqis il-ħsara li saret lill-kunvent u l-knisja tal-patrijiet u l-pożizzjoni li kienet tinsab, propju f'ħalq il-Port il-Kbir. Kien propju meta bdew l-attakki kontinwi tal-Ġermaniżi f'April tal-1942 li kienet ġiet milquta u ngħalqet temporanjament. Malli bdiet il-gwerra l-patrijiet kienu ħadu l-prekawzjonijiet kollha u l-istatwa kienet tpoġġiet ġo xelter fil-Furjana stess biex tevita li jsir xi ħsara. Kienet tpoġġiet lura f'postha wara festa oħra kbira u ċelebrazzjonijiet reliġjużi fid-19 ta' Mejju tal-1946. Wara l-gwerra din il-kappella sarulha diversi xogħlijiet fosthom fil-parti ta' fuq tal-koppla u anki pittura fuq ġewwa ġiet restawrata minħabba l-ħsara li kienet ġarrbet. Fost it-tibdil li sar l-altar li kien hemm f'din il-kappella u li kien ġie konsagrat mill-Isqof Mawru Caruana fl-1923 tneħħa u tpoġġa fil-knisja tal-patrijiet li hemm fil-qrib. L-altar li hemm illum huwa ferm riċenti u kien ġie konsagrat mll-Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Matul dawn l-aħħar snin il-Patrijiet Kapuċċini ħadu ħsieb li jagħmlu l-manutenzjoni kollu neċessarju fuq din il-kappella. Ix-xogħol kien beda ħames snin ilu. Ħafna minnu sar matul l-ewwel sentejn imma kien propju s-sena l-oħra li tlesta nistgħu ngħidu kollox. Għalkemm nistgħu ngħidu li dan ix-xogħol ta' restawr, manutenzjoni, tisbiħ u fl-istess waqt ta' adattament għal-liturġija wara l-Konċilju Vatikan II qatt ma naqas li jsir mid-diversi prokuraturi ħabrieka li din il-kappella kellha u għad għandha maż-żmien.

Din il-kappella tgħaxxaq bil-ġmiel tagħha, tiġbrok u ġġiegħlek idduq daqsxejn mill-ħlewwa li wieħed isib meta jżur Lourdes fejn dehret is-Sinjura l-Bajda tal-Pirinej. Fil-ġranet tad-dehriet isiru xi funzjonijiet f'din il-kappella u matul il-ġurnata kollha wieħed jista' jara l-kotra ta' nies li jiġu minn kull rokna ta' Malta sabiex iwettqu id-devozjoni tagħhom lejn il-Madonna, u jagħtu radd il-ħajr lil Binha Ġesù għall-grazzji li jkunu qalgħu bl-interċessjoni Tagħha.

Din il-kappella tkun miftuħa għal ħinijiet twal matul il-ġurnata u anki ssir quddiesa kull filgħodu fit-8.30am. Matul il-ġranet tad-dehriet u matul ix-xahar ta' Mejju u Ottubru jkun hemm ukoll quddiesa fis-6.15pm. Fost il-ħafna devoti li jżuru din il-kappella hemm il-ħaddiema tal-Poliklinika tal-Furjana, u anki l-pazjenti li jattendu hawnhekk ta' kuljum. Il-kappella hija wkoll popolari mhux ħażin ma' diversi koppji li jiżżewġu fiha jew jiċċelebraw diversi anniversarji taż-żwieġ tagħhom.





KNISJA: HAJJA, HIDMA U AHBARIJIET Fr Silvestru Bonavia OFMCap.

# “Tliet Kelmiet”

## mill-Eżortazzjoni Appostolika “Il-Ferħ tal-Evanġelju”

Imxandra fl-24 ta' Novembru 2013 li fiha aktar minn 45 elf kelma; mhux dokument li jmur mal-oħrajn imma programm ta' evanġelizzazzjoni ġdida għall-knisja; mhux dokument li jinqara u jitqiegħed mal-oħrajn fil-librerija; imma programm ta' tiġdid, ta' kuljum, li jrid ikun f'idejn kulħadd biex kulħadd jagħti sehemu: l-Isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi, persuni kkonsagrati, familji, lajċi, politiċi, professjonisti, studenti, żgħażagħ, IL-POPLU KOLLU T'ALLA, F'IMPENN KOMUNI, sabiex il-Knisja tkun il-vera Knisja kif iridha Ġesù LLUM.

Ser nieħdu 3 kelmiet tal-Papa, hekk nimxu skont id-drawwa li issa ilna nisimgħuha 9 xhur sħaħ u jeħtieġ li nwellduha ... FERH, FAMILJA, IDOLATRIJA.

### 1. IL-FERH TASSEW TAL-EVANĠELJU (1-3)

Il-ferħ tal-evanġelju jimla l-qalb u l-ħajja kollha ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù... Ma' Ġesù Kristu, il-ferħ dejjem jitwieled u jitwieled mill-ġdid. F'din l-Eżortazzjoni nixtieq nitkellem mal-Insara biex nistedinhom għal pass ġdid ta' evanġelizzazzjoni li jkun immarkat b'dan il-ferħ u nuri toroq għall-mixja tal-Knisja fis-snin li ġejjin.

Il-periklu kbir tad-dinja tal-lum, bil-ħafna offerti tagħha, li jassruna, ta' konsumiżmu, huwa d-dwejjaq individwalista li joħroġ mill-qalb komda u xħieħa, mit-tfittxija marida ta' pjaċiri superfiċjali ... Kull meta l-ħajja interjuri hija magħluqa fl-interessi proprji tagħha, fiha ma jkunx hemm aktar spazju għall-oħrajn, ma jidħlux aktar il-fqar, ma nisimgħux aktar il-leħen t'Alla, ma niggustawx aktar il-ferħ ħelu ta' mħabbtu... Jiena nistieden lil kull Nisrani jew Nisranija, f'kull post u qagħda li fihom jinsabu, sabiex iġeddu, illum stess, il-laqgħa personali tagħhom ma' Ġesù Kristu, jew għall-inqas li jieħdu d-deċiżjoni li jħalluH jiltaqa' magħhom, li jipprovaw ifittxuH kuljum bla waqfien. M'hemm l-ebda raġuni li wieħed jaħseb li din l-istedina mhix għalih jew għaliha.



- JIEN x'qed nagħmel biex niskopri dejjem aktar din ir-relazzjoni tiegħi ma' Kristu HAJ f'Kelmtu, fl-Ewkaristija, fil-Knisja, fil-proxxmu, fil-familja, fix-xogħol tiegħi ta' kuljum?

- KEMM qed nipprova ma nħallix lili nnifsi nkun influwenzat mill-pjaċiri "fiergħa", mill-konsumiżmu li jagħlquni fija nnifsi u ma jħallunix inkun miftuħ kif jixraq għal Alla u għall-ħtiġijiet ta' ħuti fil-bżonn?

- NIPPROVA NSIB ftit ħin tul dan ir-Randan naħseb fuq din l-istedina tal-Papa biex nikkonverti tassew, inbiddel ħajti għall-aħjar, u Kristu RXUXTAT, ħaj, illum ukoll, ikun l-ideal ta' ħajti u Kelmtu l-programm li fuqha nfassal imġibti kollha. HEKK ikolli l-ferħ fil-milja tiegħu li jgħinni nkun aktar miftuħ għall-oħrajn, għall-familja kollha u għal kull min niltaqa' miegħu jew magħha.

## 2. IL-FAMILJA (66)

"Il-familja għaddejja minn esperjenza ta' kriżi kulturali profonda; u dan l-istess bħal kull komunità u r-rabtiet soċjali... Iż-żwieġ jidher li qed jieħu xejra li aħna nħarsu lejh bħala sempliċi forma ta' sodisfazzjon emozzjonali li jista' jiġi mibni b'kull mod u mibdul skont is-sensibilità ta' dak jew dik li tkun. Imma l-kontribut indispensabbli (li ma nistgħux ngħaddu mingħajru) taż-żwieġ lis-soċjetà huwa 'l fuq mil-livell tal-emozzjoni u tal-ħtiġijiet tal-koppja. Kif jgħallmu l-Isqfijiet Franċiżi, hu ma jagħrafx il-bidu tiegħu "minn sentiment ta' mħabba, li huwa meqjus bħala li jgħaddi , imma mill-profondità tal-impenn li jieħdu l-għarajjes li jaċċettaw li jidħlu għal komunjoni ta' ħajja sħiħa."

- JIEN x'qiegħed nagħmel biex il-familja kif riedha Alla tkun il-mudell tal-familja tiegħi għal soċjetà aktar b'saħħitha? Jekk għandi xi responsabbiltà qed nużaha tassew għal dan il-għan?

- "Il-ġenituri jgħaddu l-fidi lil uliedhom" – qalilna l-Papa. Aħna, il-ġenituri, x'qegħdin nagħmlu biex inkunu nafuha din il-Fidi biex nistgħu ngħadduha lil uliedna, fuq kollox bl-eżempju prattiku ta' ħajjitna?

- NIPPROVA DEJJEM AKTAR li r-relazzjoni tiegħi ma' żewġi/marti, ma' wliedi, u ma' dawk li magħhom ngħix jew niltaqa' ma jkunux mibnija fuq sentiment biss imma fuq l-impenn li nidħlu f'komunjoni ta' ħajja fl-aspetti kollha tagħha.

## 3. LE GĦALL-IDOLATRIJA ĠDIDA TAL-FLUS (62-63)

Waħda mill-kawżi ta' din il-qagħda (il-kriżi finanzjarja dinjija u l-politika tal-ekonomija tal-esklużjoni li ma tinkludix lil kulħadd biex igawdi mill-ġid li jinħoloq) tinstab fir-relazzjoni li aħna bnejna mal-flus għaliex aħna naċċettaw, b'mod paċifiku, li l-flus jaħkmu lilna u lis-soċjetà tagħna. Il-kriżi finanzjarja li għaddejjin minnha tnissina li fil-bidu tagħha hemm kriżi antropoloġika profonda: iċ-ċaħda tal-primat tal-bniedem! Aħna ħlaqna idoli ġodda. Il-qima lill-għoġol antik tad-deheb (cf Eż 32, 1-35) sabet verżjoni ġdida u bla rażan ta' adorazzjoni lil xbieha magħmula mill-bnedmin fil-flus.

- X'INHIJA R-RELAZZJONI tiegħi mal-flus, mal-impjieg, ma' dak kollu li Alla jipprovdili? Inħares lejn il-flus bħala MEZZ jew bħala SKOP? Il-flus nużahom għall-akbar u għall-aħjar ġid tal-familja, tal-komunità ta' madwari, u ta' min hu aktar fil-ħtieġa minni?

- META NIXTRI xi ħaġa naħsibha sewwa qabel kemm hemm bżonnha biex nara hix tassew meħtieġa skont l-iskop tagħha? Jew inħalli lili niġi miġbud mir-reklami, f'ġirja li xi drabi ma tħallilix żmien naħseb u nirrifletti?

- U JEKK GĦANDI xi negozju anke żgħir inħares tassew lejn dawk li jiddependu minni bħala bnedmin jew inkella magni li jkabbru l-produzzjoni? Kemm naħseb tassew fil-familji tagħhom?



MILL-ISKOLA TA' PATRI PIJU **Fr Joe Buttiġieġ OFMCap.**

# San Patri Piju

## *bniedem t'Alla li jbati*









L-Isqof Emeritu ta' Foggia, Mons. Paolo Carta, meta darba kien ġie mistoqsi jitkellem dwar kif kien jara hu lil Padre Pio tul iż-żmien ta' 7 snin li għamel bħala isqof (1955 – 1962), qal li Padre Pio kien bniedem t'Alla li jbati.

Francesco Forgione, Padre Pio, jew aħjar Franci, kif kienet tħobb issejjaħlu ommu Ġużeppa, twieled normali, b'saħħtu u fuq tiegħu, saħansitra kellu bikja werżiqa u jgħajjat billejl.

Imma meta kiber u sar tfajjel ma damx ħafna ma beda juri li saħħtu ma kinitx tajba. Kien irqiq, ibati ħafna minn qtugħ ta' nifs, jisgħol il-ħin kollu. Spiss kien ikollu ħafna deni hekk li ħafna nies kienu għoddewh bħala li kien marid bit-TB, imma dan ma kienx minnu. Anki l-istess tabib tal-familja, Andrea Cardone ma kienx ikun jaf x'seta' jagħmel iktar għalih. Ħafna drabi, qisu, li għall-mard tiegħu ħadd ma kellu spjegazzjoni.

Meta mbagħad daħal mal-Patrijiet Minuri Kapuċċini, barra l-mard li sofra fi tfulitu, Patri Piju kien ibati bl-ażma, bl-uġigħ tal-ġebla u wġigħ fiż-żaqq. Kien ibati minn *gastrite kronaka* li maż-żmien saret ulċera. Kellu infjamazzjoni f'għajnejh, imnieħru, widnejh u fi griżmejh.

Fl-1925 kellu jiġi operat minħabba fl-ernja, u ftit wara ħarġitlu ċista kbira f'għonqu li kellhom jerġgħu joperawh malajr. Wara din l-operazzjoni kellu jerġa' jduq is-sikkina minħabba f'tumur f'widnejh.

Fl-1956, kien marid sew. Induna li kellu *plurite exudattiv* il-Professur Cataldo Cassano li kien kull darba hu stess ineħħilu l-ilma li kien jitrabbielu. Din il-marda kienet ħallietu erba' xhur fis-sodda.

Imbagħad fi xjuħitu kien muġugħ ħafna fl-artrite.

Minħabba li kien spiss jimrad, mhux darba jew tnejn kienu jibagħtuh lura d-dar għand ommu, għaliex l-arja ta' raħal twelidu, Pietrelcina, kienet tagħmillu tajjeb.

Darba, meta ftit wara li kien ġie ordnat saċerdot, kellu jibqa' Pietrelcina għal xi snin, kien ser jispiċċa barra mill-Ordni Kapuċċin. Imbagħad ġie mibgħut fil-kunvent ta' San Giovanni Rotondo fuq il-muntanji tal-Gargano fejn baqa' sakemm twieled għas-sema nhar it-23 ta' Settembru, 1968.

Hawnhekk kien iħossu xi ftit aħjar, imma mhux għax fieq. Anzi, mal-mard misterjuż, kien żdied l-uġigħ tal-ġrieħi fuq il-pala ta' jdejh, wiċċ saqajh, u ġenbu. Biex ma nsemmux il-pjaga ta' fuq l-ispalla,

l-esperjenzi tal-kuruna tax-xewk u tal-flaġellazzjoni.

Ukoll meta nġabar bil-lieva fi żmien ta' gwerra, kienu reġgħu bagħtuh lura minħabba saħħtu.

Imma l-preokkupazzjoni ta' Patri Piju ma kienx il-mard. Hu stess jgħid lil Margerita Tresca, waħda mill-Ulied Spiritwali tiegħu meta f'ittra li jiktbilha nhar id-29 t'Ottubru, 1918, jgħidilha hekk: ***"Is-saħħa ta' ġismi hija wkoll fqira wisq, iżda ma nħabbilx rasi fuq hekk ..."***

Patri Piju ma ħalliex il-mard jagħlqu fih innifsu jew jaljenah mis-sejħa t'Alla għalih. Dan għamlu billi żamm ħarstu fuq Ġesù. B'hekk kien ħieles mill-ingann tad-demonju li jaf jinqeda bil-mard u t-tbatija li jaf iġib miegħu biex jagħlaqna fina nfusna, iwaqqagħna f'dipressjoni, jaqtgħalna qalbna, jew iwassalna biex nixtiequ ntemmu ħajjitna.

Kieku Padre Pio żamm ħarstu fuqu nnifsu u fuq il-mard tiegħu, kieku ħadd minn dawk il-mijiet u eluf ta' nies li kienu jitilgħu San Giovanni Rotondo ma kien qatt jitlaqa' miegħu.

Imma ħarstu kienet fuq Ġesù fuq is-salib li diġà qablu kien tgħabba mhux biss bid-dnub, imma wkoll bil-mard u t-tbatija.

Mill-ittri tiegħu, wieħed jinduna li l-Patri ta' San Giovanni Rotondo, iktar jitkellem minn kif wieħed għandu jġib ruħu fit-tbatija ta' kull xorta, milli mill-mard fih innifsu.

L-esperjenza tal-mard, tal-uġigħ, it-tbatija, il-mistħija, l-umiljazzjoni li dan iġib miegħu, għenuh biex jifhem aħjar lill-marid.

Il-marid, minħabba fil-mard għandu bżonn it-talb għax il-mard jaf ikun fuq kollox sfida kbira għall-fidi tal-bniedem marid.

Il-Kapuċċin li jitlob kien iħobb jgħid: ***"Jien dejjem nitlob għall-morda. Kuljum ngħid ir-Rużarju Mqaddes għall-fehmiet tagħhom."***

Imbagħad, Patri Piju ma waqafx biss hemm, fit-talb, imma xammar il-kmiem biex jagħmel xi ħaġa għall-marid. Għalih beda proġett, li sar monument li għadu dejjem qiegħed jikber, *Casa Sollieva della Sofferenza*, Dar fejn il-marid isib il-mistrieħ.

Meta nhar il-5 ta' Mejju, 1956, inawgura din l-opra tal-providenza, sejħilha tabernaklu, fejn il-marid huwa Kristu.

Għalhekk, l-ewwel m'għandna nitolbu, għandu jkun biex il-fidi tal-marid fl-imħabba t'Alla għalih ma tiġi qatt nieqsa, lanqas għal mument wieħed biss! Biex kemm il-marid u kemm il-qraba tiegħu jibqgħu sħaħ fil-fidi!

Il-marid għandu jżomm ħarstu fuq Ġesù, jgħaqqad l-uġigħ u t-tbatija tiegħu ma' dak ta' Ġesù fuq is-salib, u jintelaq f'idejn Alla.

Kemm għandu x'jgħallimna San Patri Piju fuq kif għandna nħarsu lejn Alla l-aktar fil-mument tal-marid u tal-uġigħ u t-tbatija li jġib miegħu!

Ejjew nitgħallmu minnu ħalli nkunu Wlied Spiritwali u devoti tiegħu ta' veru.









**ma ħalliex il-mard jagħlqu fih innifsu**



FRANĠISKANEŻMU Fr Ivan Scicluna OFMCap.

# IL-PORTIKU TAL-UMILTÀ

Fl-artiklu tax-xahar ta' Diċembru rajna b'liema mod San Franġisk kien affaxxinat bl-umiltà ta' Kristu. Issa jmiss inħarsu lejn xi suġġerimenti prattiċi li l-Fqajjar t'Assisi jagħtina dwar kif nistgħu nikbru f'din il-virtù. Dawn il-linji gwida dwar l-umiltà se nisiltuhom mit-*Twissijiet* li ħallielna l-Qaddis Umbrijan. It-*Twissijiet* huma grupp ta' 28 diskorsi qosra ta' direzzjoni spiritwali li San Franġisk indirizza lil hutu l-patrijiet, wisq probabbli fl-okkażjoni ta' Kapitli Ġenerali fil-Porzjunkola. L-argumenti li jitħaddtu dwarhom it-*Twissijiet* imissu l-ħajja prattika tal-patrijiet. L-iskop tagħhom mhuwiex li jkunu liġijiet li jorbtu lill-aħwa, imma pjuttost *guidelines* dwar l-elementi essenzjali tal-ħajja Franġiskana, bħalma huma l-faqar, l-imħabba fraterna, l-ubbidjenza, l-umiltà u virtujiet oħrajn. Dawn it-twissijiet mitqlu deheb jistgħu faċilment iservu ta' gwida għal kull Nisrani li qed jimpenja ruħu f'mixja ta' konverżjoni sinċiera.

Dettall sinifikattiv lejn tmiem it-Twissija numru 5 jikxfilna kwalità indispensabbli tal-bniedem umli. Wara katekeżi mqanqla dwar il-fatt li ebda bniedem m'għandu għalfejn jiftaħar bit-tajjeb li għandu, ladarba "kull ħaġa tajba li tingħata u kull don perfett jiġi mis-sema" (Ġakbu 1:17), Franġisku jafferma b'qawwa li, "b'ħaġa waħda biss, iva, nistgħu niftaħru: b'dak li hu dgħajjef fina" (2 Kor 12:5). Fir-Regola mhux bullata tal-1221, il-qaddis t'Assisi jisħaq fuq l-istess punt bi kliem simili: "Inkunu konvinti bis-sħiħ minn dan: li xejn mhu tagħna ħlief il-vizzji u d-dnubiet." Minn dawn iż-żewġ stqarrijiet, jidher ċar li, f'għajnejn Franġisku, il-bniedem umli huwa dak li jagħraf ix-xejn tiegħu, id-dgħufija tiegħu, id-dnub tiegħu u ma' dawn il-bżonn urġenti li jiddependi għalkollox fuq Alla. Jekk il-filosfu Sokrate kien stqarr li l-bniedem għaref huwa dak li 'jaf li ma jafx', b'mod simili nistgħu ngħidu li l-umli huwa dak li jaf li m'għandux biex jiftaħar la quddiem Alla u lanqas quddiem il-bnedmin għax għaraf profondament li *"all the good that is in us and is accomplished through us is a gift of God, and that therefore we must return it to Him in praise and thanksgiving."*

Fil-*Fjuretti* nsibu frażi mtennija minn San Franġisk li turina kemm kien konxju taċ-ċokon tiegħu nnifsu f'kuntrast mal-kobor ta' Alla: "Min inti int, O Alla tiegħi l-aktar ħelu? Min jiena jien, dudu tal-art mill-iktar vili, u qaddej tiegħek li ma jiswa għalxejn?" Din il-konvinzjoni ta' Franġisku toħroġ ukoll f'fatt ħelu li nsibuh ukoll fil-*Fjuretti*. Jum fost l-oħrajn, Fra Masseo minn Marignano staqsieh: "Għaliex id-dinja kollha ġejja warajk u donnu kulħadd jixtieq jarak u jisimgħek u jobdik? Int m'intix xi raġel ta' bixra sabiħa, u lanqas ta' xi għerf kbir, u lanqas int xi nobbli." Għal din il-mistoqsija, Franġisku wieġeb b'persważjoni kbira li r-raġuni ewlenija l-għala d-dinja kollha kienet mikruma għal warajh kienet għax il-Mulej ma sabx "fost il-midinbin kollha, wieħed aktar ħażin minni, li propju ma jiswa għalxejn; midneb li m'hawnx ieħor akbar minnu ... biex hekk kulħadd jagħraf li kull qawwa u kull ġid ġejjin minnU, u minn ebda ħlejqa, u hekk ħadd ma jista' joqgħod jiftaħar quddiemu; min jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej, li lilu jistħoqqlu kull ġieħ u glorja għal dejjem."

Nistgħu ngħidu li l-qaddisin kollha kienu konvinti mill-inkapaċità tagħhom li jogħġbu lil Alla bil-ħila dgħajfa tagħhom.

Għalhekk inqisuhom bħala ġganti fl-umiltà. Pereżempju, meta l-Beata Madre Tereża ħasset is-sejħa biex taqdi lill-Mulej billi tmur tgħin lill-ifqar fost il-fqar ġewwa Kalkutta, bħal Mosè hija bdiet tirreżisti din l-istedina divina għax kienet tħares lejha nnifisha bħala ċkejkna u dgħajfa wisq. Iżda f'għajnejn Alla, l-istess ċkunija ta' dak li jkun hija l-kriterju tal-għala Huwa jsejjaħ lit-tali jew lit-talija. Infatti, it-tweġiba ta' Ġesù li s-Soru ta' Kalkutta ħasset f'qiegħ qalbha kienet din: *"You are I know the most incapable person – weak and sinful, but just because you are that – I want to use you for my glory. Will thou refuse?"*

> "hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha."
>
> Mt 13:32

Din it-tendenza li Alla bħal donnu jogħxa jitfa' għajnejh fuq id-dgħajjef (1 Kor 1:27b), jgħolli liċ-ċkejknin (Lq 1:52), jagħżel liż-żgħir (1 Sam 16:11) u jippreferi l-umli (Bin Sir 1:27b) biex juri l-qawwa tiegħU, hija tema li tixref spiss fil-paġni tal-Iskrittura Mqaddsa. San Mattew ifakkarna li propju f'Betlehem, li hija ġeografikament "l-iżgħar fost l-ibliet il-kbar ta' Ġuda", kellu jseħħ it-twelid tal-Iben ta' Alla (Mt 2:6). Fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, Ġesù jitma' folla ta' ħamest elef raġel b'ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar (Ġw 6:5-14). Fil-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda nsibu l-enfasi hienja li din it-tip ta' żerriegħa – xbieha tas-Saltna tas-Smewwiet – għalkemm



Din il-verità biblika li Alla jafda t-teżori tiegħu "f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla u mhux minna" (2 Kor 4:7) hija pprokklamata b'qawwa fit-tradizzjoni Franġiskana permezz tal-ġrajjiet li seħħew f'rabta mal-kappella ċkejkna tal-Porzjunkola, isem li minnu nnifsu jfisser 'is-sehem iċ-ċkejken'. Kien propju f'din il-kappella ċkejkna, mitluqa, nofsha mwaqqgħa, li twaqqaf l-Ordni Franġiskan. U kien ukoll f'dan l-imkien mistkerraħ f'għajnejn il-bnedmin imma għażiż f'għajnejn Alla, li Alla kattar in-numru ta' aħwa.

Fid-dawl ta' din il-preferenza ta' Alla għaċ-ċkejken u l-umli, għaliex taqta' qalbek meta permezz ta' ċirkustanzi u persuni tiġi wiċċ imb wiċċ mad-dgħufija u ċ-ċokon tiegħek? Flok taqta' qalbek, agħraf li tinsab fil-portiku tal-umiltà!



Fr Martin Micallef OFMCap.
Arkivista Provinċjali

# Tifkira ta' PATRI KORNELJU BONELLO OFMCap.

< It-Tieni Parti >

1926-2012

## MINISTERI VARJI

P. Kornelju Bonello OFMCap., tliet snin wara li kien ilu Viċi Direttur tal-Istudenti fil-Kalkara, jiġifieri, fl-1956, irċieva l-Ubbidjenza sabiex imur fil-kunvent tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa. Hemmhekk huwa qeda dmiru ta' Viċi Kappillan, filwaqt li kien jieħu ħsieb il-Kappella ta' *Albert Town*. Huwa wkoll għen f'diversi għaqdiet.



Fl-1959 mill-Marsa huwa ġie mitlub imur fil-fraternità tal-Imsieraħ (San Ġwann). Din kienet fraternità li kienet għadha qed titrawwem f'dan il-post li l-Kapuċċini Maltin kienu għadhom kemm ħadu r-responsabbiltà pastorali tagħha. Hemmhekk, P. Kornelju ngħata diversi xogħlijiet interni u esterni. Kien f'dan iż-żmien ukoll meta huwa beda jgħallem il-Kant Gregorjan lill-Istudenti Kapuċċini. Minbarra hekk, huwa rċieva l-Ubbidjenza sabiex ikun Kappillan fl-Isptar Lazzarett fejn kien hemm morda b'mard infettiv.

F'San Ġwann, P. Kornelju dam mill-1959 sal-1962 sakemm huwa reġa' rċieva Ubbidjenza oħra sabiex imur bħala Gwardjan tal-Fraternità tan-Novizzjat ġewwa l-Kunvent tar-Rabat Għawdex. Hemmhekk huwa kien ukoll Viċi Mastru tan-Novizzi, Ekonomu, u Direttur tat-Terzjarji. Huwa ta s-sehem tiegħu fil-Kummissjoni Djoċesana Liturġika.

Fl-1965, imbagħad huwa ġie mibgħut mill-ġdid fil-fraternità tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa sabiex jgħin bħala Viċi Kappillan, Prokuratur tal-Knisja, Sagristan Maġġur u Direttur tal-*Legion of Mary*.

Hawnhekk, iżda, huwa ma damx wisq, għaliex sena wara, jiġifieri, fl-1966, huwa reġa' ġie mitlub sabiex imur l-ewwel fil-kunvent ta' Għajn Dwieli u ftit xhur wara fil-kunvent ta' Għawdex filwaqt li jagħti s-sehem tiegħu bħala kappillan fl-isptar San Vinċenz de Paule, u fl-aħħar seba' xhur bħala kappillan tal-*Blue Sisters Hospital*. Sentejn wara, jiġifieri, fl-1968, P. Kornelju ġie mitlub biex minn Għawdex imur fil-fraternità tal-Furjana bħala Gwardjan.

Sena wara, imma fuq talba tiegħu stess huwa temm din il-ħidma, u ġie mitlub biex imur fil-kunvent ta' Marija Reġina, fil-Marsa. Fl-1969 jidher li huwa sab ruħu mill-ġdid fil-kunvent ta' Għawdex filwaqt li ħadem bħala kappillan fl-Isptar *King Geroge* V, fil-Furjana. Hemmhekk huwa dam sa April tal-1973 sakemm irċieva Ittra ta' Ubbidjenza biex jibda jagħmel parti mill-fraternità tax-Xemxija, filwaqt li jibqa' bl-uffiċċju ta' kappillan fl-Isptar *King George* V.

Sena wara, iżda, jiġifieri, fl-1974, P. Kornelju intalab imur fil-fraternità ta' San Ġwann bħala Gwardjan. Fl-1977, imbagħad, P. Kornelju ġie mitlub iħalli din il-fraternità u jmur Gwardjan fil-fraternità tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa. Imma mill-ġdid minħabba raġunijiet ta' saħħa huwa kellu jħalli dan il-ministeru u ġie mibgħut fil-kunvent ta' Għawdex. Minn din il-fraternità huwa kellu jservi bħala kappillan fl-Isptar Lazzarett u dam hemmhekk sakemm fl-1979 għalaq dan l-isptar. Fil-fatt, P. Kornelju u P. Pietru Pawl Schembri kienu l-aħħar żewġ Patrijiet Kapuċċini li servew f'dan l-isptar bħala kappillani.

Fl-1979, P. Kornelju ġie mibgħut fil-kunvent tax-Xemxija fejn wettaq il-ħidma ta' Ċerimonier u Sagristan Maġġur, filwaqt li flimkien ma' P. Pietru

Pawl Schembri kienu l-ewwel żewġ kappillani li ħadmu fl-isptar tal-anzjani, Ħaż-Żmien, li kien għadu kemm infetaħ fl-Imtarfa.

Tliet snin wara, jiġifieri, fl-1983, P. Kornelju ħalla x-Xemxija biex reġa' mar fil-kunvent ta' San Ġwann biex jagħti s-sehem tiegħu bħala Viċi Kappillan. Minn hemmhekk huwa għamel ukoll sena bħala kappillan fl-Isptar tal-*Lepers* f'Tal-Ferħa u fl-1990, sena oħra kappillan f'Ħaż-Żmien, l-Imtarfa.

Fil-kunvent ta' San Ġwann, P. Kornelju dam mhux ħażin, jiġifieri mill-1983 sal-1992 sakemm mill-ġdid reġa' ġie mibgħut fil-fraternità ta' Għawdex. Fl-1994 lil dan Huna nerġgħu nsibuh fil-kunvent tax-Xemxija, filwaqt li sena wara, fl-1995, huwa ntbagħat fil-fraternità tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa. Fl-1998 P. Kornelju mar fil-fraternità tax-Xemxija bħala Vigarju.

L-aħħar fraternità li kien fiha kienet dik ta' Għawdex. Huwa mar hemmhekk fl-2004 u baqa' jagħti s-servizz tiegħu speċjalment permezz tal-qrar u pariri li kien jagħti lil bosta saċerdoti u reliġjużi ta' din il-gżira.

Saħħtu baqgħet sejra lura, tant illi f'Jannar 2011, huwa daħal id-Dar tal-Kleru. Xahar wara ddaħħal l-Isptar *Mater Dei* għall-kura medika u għadda xi jiem ukoll fl-Isptar Karen Grech. Huwa reġa' lura fid-*Dar tal-Kleru* f'Mejju 2011. Xahar wara, jiġifieri, fl-20 ta' Ġunju 2012, P. Kornelju għadda għall-ħajja ta' dejjem fid-*Dar tal-Kleru* f'Birkirkara, fl-età ta' 86 sena. Il-funeral tiegħu sar fit-22 ta' Ġunju 2012, fil-knisja parrokkjali ta' Marija Reġina, il-Marsa. Huwa ġie midfun fl-oqbra tal-Provinċja fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata, f'Raħal Ġdid.

**KONKLUŻJONI**

Meta tara din il-varjazzjoni ta' xogħol li wettaq dan Huna kważi tibqa' b'nifsek maqtugħ. Meta mistoqsi: "Liema kienu dawk il-mumenti li fihom l-iżjed li ħassejt il-grazzja tas-saċerdozju taħdem f'ħajtek?" P. Kornelju wieġeb hekk: "Ħassejtha meta kont kappillan ta' ċerti sptarijiet b'mard infettiv. Ħassejtha wkoll meta kont Gwardjan f'diversi kunventi tagħna. Imma l-iżjed meta jiġi xi ħadd jitlobni xi parir jew biex ikellimni fuq ħwejjeġ spiritwali."

F'Ittra sabiħa li nkitbet mal-aħbar tal-mewt tiegħu minn kopja lajċi missjunarji li kienu jafuh sewwa naqraw hekk fuqu: "Aħna nqisuh mhux biss bħala ħabib, iżda wkoll bħala saċerdot twajjeb u ħabrieki, dejjem fidil lejn il-parruċċani ta' San Ġwann, u li kull



fejn ikun dejjem lest jibqa' nieqes mill-ħin liberu tiegħu biex jaqdi lill-komunità li tant ħabb. Huwa mhux biss kien qaddej devot ta' Alla, iżda wkoll qatt ma beża' jgħin lill-morda, b'mod speċjali meta kien imsejjaħ biex jgħin lil-lebbrużi b'imħabba u dedikazzjoni."

Ma nistgħux nagħlqu din it-Tifkira ta' P. Kornelju mingħajr ma ngħidu li barra l-kariżma saċerdotali li kellu, Patri Kornelju kien devot kbir ta' Marija Annunzjata u akkanit kbir ta' raħal twelidu, Ħal Tarxien. Fi żmien il-festa kien "jinżel ir-raħal u mhux biss kien jagħti servizz fl-attivitajiet liturġiċi, imma arah jiġi l-knisja jirranġa u jagħti pariri dwar l-armar. Kien bniedem maħbub ħafna f'Ħal Tarxien

***... l-imħabba li kellu għal raħal twelidu kienet tixgħel fi ħbub għajnejh."***

F'għeluq l-40 Sena mis-Saċerdozju tiegħu, huwa kiteb lill-Kappillan ta' Ħal Tarxien u fost affarijiet oħra jgħidlu hekk: "Grazzi tal-ħsieb ġentili tiegħek li tiftakar fija u titlob għalija fl-okkażjoni tal-erbgħin sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħi. Kif jgħaddi ż-żmien! Mank irrid nemmen li ili daqshekk saċerdot! U jekk għamilt xi ftit tal-ġid, dan għamiltu bl-għajnuna ta' Alla. Nirringrazzjak ukoll tal-kliem sabiħ li ktibt fuqi. Jiena għandi ħafna nuqqasijiet, imma nagħmel ħilti biex inkun fejn inkun, nagħti eżempji tajba. Għax jekk reliġjuż ma jkunx ta' eżempju tajjeb, x'reliġjuż hu ...?" Dan il-kliem jibqa' t-testment ta' P. Kornelju li flimkien mal-Awtur tat-Tieni Ittra lil Timotju seta' jgħid: "Tqabadt fit-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef Ġust" (2 Tim 4,7-8). Jalla dan l-Imħallef Ġust isib lil dan Huna fost dawk li jistħoqqilhom il-kuruna tal-Ġustizzja.



FRA BASKAL FIN-NOVELLI (7) John Caruana

# Fra Baskal, it-Terzjarji u Dun Karm Cachia

*It-Tieni Parti*



Il-qassis ħareġ jgħaġġel 'il barra għax fehem li l-ħamiema riedet tiġbidlu l-attenzjoni dwar xi moribond li kellu bżonn l-assistenza. Il-ħamiema, tittajjar bla sabar, mexxietu lejn passaġġ li mill-Ponta taż-Żebbuġ jagħti għat-triq prinċipali li twassal 'l isfel 'il barra mir-raħal. "Xi ħadd għandu bżonn l-għajnuna mill-aktar fis lejn l-Għasri jew Wied Sara" qal bejnu u bejn ruħu u beda kważi jiġri 'l isfel mal-ħamiema.



Fi ftit minuti, sab ruħu ħdejn iċ-ċimiterju bil-ħamiema tittajjar quddiemu, bħallikieku qed tgħidlu: "Ħaffef ħaffef." Jiġri bla nifs wara l-ħamiema wasal Wied Sara fejn il-ħamiema waqfet fil-bidu tal-passaġġ li jaqsam lejn it-triq ta' Marsalforn ħdejn il-Kapuċċini. Dun Karm tela' 'l fuq fil-passaġġ, jgħarrex madwaru għal xi ħadd li seta' kellu bżonn l-għajnuna meta f'daqqa waħda jisma' min jgħajjat: "Dun Karm ... Dun Karm." Hares u daqs tir ta' xkubetta 'l bogħod jilmaħ lil Fra Baskal ixejjirlu u jagħmillu sinjal biex iħaffef lejh. It-twajjeb qassis mar iħaffef jilgħeġ lejn il-Kapuċċin u: "Hawn Baskal x'inqala'... x'għandek bżonn lanqas ħallejtni ngħid l-Għasar!" ċanfru bi tbissima. Taw il-paċi lil xulxin u Fra Baskal qallu x'kien mistenni minnu. Minnufih it-tnejn bdew jgħaġġlu mal-passaġġ lejn il-Kapuċċini.

Il-gwardjan, li s'issa kien qisu ras maqtugħa, ħa r-ruħ jarahom telgħin fuq iz-zuntier, avolja ma riedx jemmen lill-għajnejh. Mar jiġri jagħtihom merħba jistqarr ferħan: "Ajma għall-erwieħ Dun Karm, kieku taf minn liema saram qlajtni" u kompla mistgħaġeb: "u ngħid is-sewwa nħossni mistgħaġeb kif Fra Baskal tela' hekk malajr iż-Żebbuġ, iltaqa' miegħek u ġejtu lura f'ħin hekk qasir." Il-qassis li kellu spirtu ċajtier wieġbu bid-daħka: "Ma tafx Gwardjan li 'l isfel il-qaddisin kollha jgħinu?" "Naf iva" daħaklu l-patri "imma 'l fuq?" "'Il fuq m'hemmx l-anġli kustodji?" daħaklu Fra Baskal jegħmeż lil Dun Karm. "Insomma" reġa' l-gwardjan "ġabukom il-qaddisin jew l-anġli kustodji l-aqwa li



ġabukom fil-ħin għax kelli għoqla fi griżmejja qed tifgani issa ejjew nidħlu għax it-terzjarji diġà kienu qatgħu qalbhom u qed jibżgħu li ħadu mixja għalxejn.

Daħlu malajr fil-knisja u wara li talbu għal ftit minuti quddiem it-tabernaklu, il-gwardjan introduċa lil Dun Karm u talbu jibda jitkellem. Dun Karm beda jitkellem. "Ħuti, meta Ġesù kien fuq it-Tabor, Pietru qal lil Ġesù "kemm hu sewwa li qegħdin hawn" u jien ngħid l-istess għalina llejla għax il-Madonna stednitna hawn biex iddewwaqna l-grazzja t'Alla jekk nifthu qalbna għal din il-grazzja. Il-Madonna tridna nagħrfu s-sejħa tagħna bħala Terzjarji Franġiskani. Kif inkunu terzjarji ta' veru?: Billi bħal San Franġisk ninżgħu l-libsa tad-dinja u nilbsu dik tal-faqar … il-libsa tal-umiltà. Aħna msejħin biex inkunu xhieda ta' San Franġisk billi nimxu fuq il-passi tiegħu. Nistqarr li mhix xi ħaġa ħafifa għax lanqas għal San Franġisk ma kienet xi ħaġa ħafifa imma kellu rieda soda li jimxi wara Kristu u rnexxielu jħalli warajh dak kollu li hu tad-dinja…"

Dun Karm bħal siker jitkellem għal ħin twil fuq San Franġisk, fuq l-umiltà kbira tiegħu, fuq l-imħabba kbira li kellu lejn il-morda u l-fqar, kif dan il-qaddis ħadha kontra t-tlellix u l-irbit tad-dinja u kif il-bniedem jikseb il-paċi meta jiċħad dawn l-affarijiet.

Kulħadd kien issummat iħares lejn Dun Karm u jisma' l-kliem qaddis ħiereġ minn fommu. Kien jibqa' sejjer kieku l-gwardjan ma ġibidlux l-attenzjoni li kien beda jidlam, u wħud mit-terzjarji kienu ġew mill-ibgħad irkejjen t'Għawdex. Għalhekk Dun Karm talab maħfra għall-ħin twil li dam jitkellem, qal talba żgħira, bierek u xtaq il-lejl it-tajjeb lil kulħadd, qagħad għal xi minuta għarkupptejh quddiem it-tabernaklu u ħareġ mill-knisja ma' Fra Baskal. Imma qabel qabad triqtu lejn daru, daħħal idu fil-but u ħareġ ftit santi ta' San Franġisk qed idur bil-morda, newwilhom lill-fra u qallu biex iqassamhom lit-terzjarji. Il-qassis u l-Franġiskan għannqu lil xulxin u nfirdu. Fra Baskal mar jiġri jqassam is-santi u ħaġa tal-għaġeb kien hemm santi bl-eżatt għal kulħadd. Il-gwardjan baqa' skantat kif dawk is-santi servew eżatt u qal bid-dmugħ f'għajnejh: "Sewwa qal Dun Karm li kulħadd jista' jsir qaddis għax kemm hu u kemm Fra Baskal diġà saru qaddisin," u daħal 'il ġewwa jixxotta mnieħru.



# Fra Bertrand Vella
## jirċievi l-Ministeru tal-Akkolitat

Waqt li l-Liturġija tal-Knisja kienet qed tħejji l-Poplu t'Alla biex jiċċelebra t-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2013, Fra Bertrand Vella OFMCap. irċieva l-ministeru tal-Akkolitat. Huwa ġie istitwit akkolitu mill-Provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta, Patri Martin Micallef, waqt Quddiesa konċelebrata ġewwa l-knisja tas-Salib Imqaddes, Kapuċċini – il-Furjana. Permezz ta' dan il-ministeru, Huna Bertrand huwa msejjaħ mill-Knisja biex jikber fl-imħabba tiegħu lejn Ġesù Ewkaristija. Mil-lum 'il quddiem huwa fid-dmir li jgħin lis-saċerdot u lid-djaknu fil-preparazzjoni u fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, kif ukoll, bħala ministru tal-Ewkaristija, billi jqarben meta tinħass il-ħtieġa, lill-morda tagħna. L-Akkolitat huwa pass ieħor fil-mixja lejn is-Saċerdozju. Aħna mħeġġa biex nibqgħu nżommu lil dan Huna fit-talb tagħna sabiex dejjem jgħix b'fedeltà u b'imħabba dak kollu li l-Mulej jixtieq minnu.





# ...iktar aħbarijiet tal-Provinċja

**NIFIRĦU U NAWGURAW... FILWAQT LI NITOLBU GĦALIHOM**

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru 2013 fil-Provinċja tagħna ġiet iċċelebrata l-laqgħa fraterna tal-Milied. Din il-laqgħa li attendew għaliha numru ġmielu ta' Aħwa, ġiet animata f'żewġ mumenti prinċipali: mument ta' talb-adorazzjoni kif ukoll mument ta' ikla fraterna flimkien.

Fl-ewwel mument il-Ministru Provinċjal P. Martin Micallef mexxa t-talb b'riflessjoni speċjalment dwar il-qaddis San Ġwann l-Evanġelista li tiegħu kienet il-festa u fl-istess waqt wassal lill-Aħwa preżenti tagħrif dwar dak li sar u qed isir bil-għan li nkomplu flimkien niġġeddu fil-ħajja tagħna bħala reliġjużi-franġiskani. Fit-tmiem ġew ippreżentati l-Aħwa li matul is-sena 2013 iċċelebraw xi anniversarju speċjali fil-ħajja saċerdotali u reliġjuża tagħhom.

*Dawn huma:*

**HUTNA LI MATUL IS-SENA 2013 IĊĊELEBRAW 50 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI:**
P. Luigi Saliba
P. Silvestru Bonavia
P. Maurice Cassar
P. Valent Calleja
P. Marcellino Vella

**50 SENA MILL-PROFESSJONI PERPETWA**
P. Alfred Baldacchino
P. Hilary Abela
P. Bernard Mangion

**50 SENA MILL-PROFESSJONI TEMPORANJA**
P. Victor Spiteri
P. Dominic Mangani

Fit-tieni parti l-Aħwa kollha ltaqgħu fir-refitorju u hemmhekk f'atmosfera fraterna tajna l-awguri tagħna lil xulxin filwaqt li qsamna bejnietna l-ferħ li dawn il-ġranet iġibu magħhom.





**L-ARĊISQOF IŻUR IL-FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN**

Hija drawwa sabiħa li għall-jum tal-Milied, l-Arċisqof iwassal messaġġ televiżiv lill-poplu Malti. Għal din is-sena, Mons. Pawl Cremona OP, għażel li dan il-messaġġ iwasslu mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fejn ġie milqugħ minn Huna Franco Fenech, Kappillan tal-istess Faċilità. L-għada tal-Milied, imbagħad, l-Arċisqof reġa' żar dan il-post sabiex jiltaqa' mal-ħabsin. Huwa ġie milqugħ minn Huna Franco, Huna Martin Mamo li qed jagħti s-sehem pastorali tiegħu f'din il-Faċilità. Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru Provinċjal, Huna Martin Micallef. L-Arċisqof ġie meħud fil-Kappella tal-Faċilità fejn il-ħabsin tellgħu programm ta' kant u esperjenzi tagħhom għal żmien il-Milied. Hemmhekk l-Arċisqof wassal messaġġ ta' tama lil dawk preżenti.




## LAQGĦA TAL-VOLUNTARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI

Nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar saret laqgħa għall-Voluntiera li jaħdmu b'risq il-Ħidma Missjunarja li l-Kapuċċini qegħdin iwettqu prinċipalment fil-Kenja. Fost dawn kien hemm il-Kontributuri ta' artikli flimkien mad-Distributuri tad-Dawl Franġiskan, il-Voluntiera membri tal-"Grupp Familji Franġiskan" (Furjana), dawk tal-"Grupp Missjoni San Ġwann" (Parroċċa San Ġwann), dawk tal-"Lisette Rizzo Naudi Foundation", il-membri tal-Ġi.Fra (Żgħażagħ Franġiskani) u diversi voluntiera oħra li joffru l-għajnuna tagħhom kuljum fl-Uffiċċju tal-Missjoni-Kapuċċini, fil-Furjana.

Wara li l-Ministru Provinċjal P. Martin Micallef ta bidu għal-laqgħa permezz ta' Talba, kien imiss lil P. Philip Cutajar bħala Segretarju Provinċjali tal-Missjoni sabiex jagħmel il-kelmtejn ta' merħba lil dawk preżenti. Huwa fisser l-iskop ta' din il-laqgħa bħala waħda ta' apprezzament u ringrazzjament lil dawk kollha



preżenti kif ukoll lil dawk li ma setgħux jattendu, speċjalment il-Voluntiera Għawdxin, għall-ħidma ġeneruża u voluntarja tagħhom b'risq il-missjoni.

Wara stieden lil dawk preżenti sabiex flimkien jagħmlu evalwazzjoni ta' dak li sar matul is-sena 2013. Kien hawnhekk li huwa ta rendikont tad-dħul u l-ħruġ finanzjarju peress li dan ħafna minnu kien frott tal-ħidma voluntarja tagħhom. Saret ukoll evalwazzjoni tar-Revista "Dawl Franġiskan" u anke tal-attivitajiet kollha li jsiru bil-għan li jinġabru l-flus għall-missjoni.

Wara l-evalwazzjoni ngħatat ħarsa lejn il-proġetti li hemm ippjanati għall-futur speċjalment għas-Sena 2014 li hija s-sena li fiha qed jiġi ċċelebrat l-40 anniversarju tal-Preżenza tal-Kapuċċini fil-Kenja.

Hekk kif P. Philip Cutajar temm id-diskorsa tiegħu ġew imtellgħa l-5 biljetti rebbieħa tal-Lotterija tal-Milied 2013. Wara kellna ċans naqsmu flimkmien l-awguri tal-festi tal-Milied u tas-Sena l-ġdida billi xrobna u kilna xi ħaġa tajba flimkien.

**Ir-Rebbieħa tal-Lotterija tal-Milied 2013 huma:**
L-ewwel premju vjaġġ San Padre Pio: Biljett n. 002526,
It-tieni premju Televiżjoni: Biljett n. 009600,
It-tiliet premju *hamper:* Biljett n. 020110,
Ir-raba' premju *hamper:* Biljett n. 071560

## TIFKIRA TAL-40 ANNIVERSARJU TA' PREŻENZA MISSJUNARJA FIL-KENJA

Nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar 2014 saret it-Tifkira ta' meta l-ewwel grupp ta' sitt Kapuċċini Maltin telqu lejn il-Kenja bil-għan li jagħtu bidu għall-ħidma missjunarja fit-territorju ta' Garissa u Malindi. Li jiġi ċċelebrat dan



l-anniversarju kienet realtà mixtieqa mhux biss mill-Aħwa Franġiskani Kapuċċini imma wkoll minn dawk kollha li ħadmu b'risq din il-ħidma missjunarja u mill-ħafna benefatturi Maltin u Għawdxin li kienu involuti f'din l-istorja twila ta' 40 sena.

Iċ-ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti f'Quddiesa Kkonċelebrata mmexxija mill-Ministru Provinċjal P. Martin Micallef u wara Velja ta' Talb bħala Radd il-Hajr lil Alla għal dak kollu li wettaq magħna l-Kapuċċini f'din il-ħidma ta' tixrid tal-Bxara t-Tajba fil-Kenja.

Il-Provinċjal f'Omelija tiegħu xebbah il-ħidma missjunarja tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja ma' dak li wettaq Ġesù meta fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu għażel li jitlaq lejn il-Galilija, jiġifieri fil-periferiji ta' Ġerusalem, u hemm beda jxandar l-Evanġelju tas-Saltna (ara Mt 4, 12-25). *It-test komplut ta' din l-omelija ser jiġi ppubblikat fil-ħarġa tar-revista li jmiss.*

Il-Velja ta' Talb b'Ġesù Ewkaristiku espost għall-adorazzjoni, kienet mibnija fuq il-Kelma ta' Alla, kant, esperjenza missjunarja diretta mogħtija minn Br John Cassar bħala l-uniku missjunarju preżenti f'Malta, *feature* dwar mumenti qawwija fl-istorja ta' 40 sena ta' ħidma missjunarja mtellgħa minn P. Joe Guliano u ntemmet bil-Barka Sagramentali. *It-test sħiħ tal-esperjenza li ta Br John Cassar ser jiġi ppubblikat f'waħda mill-ħarġiet tar-rivista.*

## IL-KUSTODJA ĠENERALI TAL-KENJA QIEGĦDA WKOLL MAGĦNA L-KAPUĊĊINI F'MALTA TIĊĊELEBRA L-40 ANNIVERSARJU MIT-TWELID TAGĦHA BIL-MIĠJA TAL-EWWEL MISSJUNARJI MINN MALTA F'JANNAR TAS-SENA 1974

Ad hoc Committee for the 40 years' Celebrations

Dear Brothers,

Peace and Goodness!
I am presenting to you the Programme with the dates and locations included for the launching activities of the 40th Anniversary Celebrations of the Capuchin Presence in our beloved country of Kenya.

*February activities in Nyeri, St Bridget's and Lang'ata will be communicated shortly.*

The Main Launching Mass
Sunday 12th Jan. 2014 St Francis of Assisi Parish, Ruiru.

Launching in other Communities

- 12th January 2014: Our Lady of Consolation Garissa Parish & Cathedral.
  St Francis of Assisi Parish, Hola.
- 16th January 2014: St Jude's Chapel, Westlands.
- 18th January 2014: Umoja Friary, Mpeketoni.
- 19th January 2014: Yesu Mpanzi Mwema Parish, Mpeketoni.
  St Mary's Shrine & Parish, Msabaha.
- 26th January 2014: St Boniface Parish, Masogo.
  St Theresa's Parish, Kakrigu.
- 31st January 2014: Mater Misericordiae Hospital Chaplaincy.
- 2nd February 2014: St Augustine Parish, Kigogoini, Nyeri.
- 8th February 2014: St Bridget' Centre, Eastleigh.
- 15th February 2014. St Padre Pio Frairy, Lang'ata.

Main Event: Saturday 18th Oct. 2014:St Padre Pio Friary, Lang'ata.
Closing Mass: Tuesday 6th Jan. 2015: St Jude's Chapel, Westlands.

*Fr George Muthaka OFMCap.*
Superior – General Custody of Kenya

# MESSAĠĠI TA' AWGURI MIBGĦUTA FL-OKKAŻJONI TAL-40 ANNIVERSARJU TAL-PREŻENZA TAL-KAPUĊĊINI MALTIN FIL-KENJA



***MESSAĠĠ MIBGĦUT MINN MONS. PAWLU DARMANIN OFMCAP., ISQOF TA' GARISSA - IL-KENJA***

Hello Provinċjal,

Għadni kif qrajt l-ewwel parti taċ-ċirkulari tiegħek fl-okkażjoni tal-40 sena ħidma fil-Missjoni Kenja.

Nixtieq ningħaqad magħkom fil-quddiesa li għandha ssir fis-6 ta' Jannar. Magħkom nirringrazzja 'l Alla tal-ħidma fejjieda li ħutna l-Missjunarji flimkien mal-Provinċja Kapuċċina Maltija għamlu dawn l-aħħar 40 sena.

Il-ġid li sar fil-Knisja tal-Kenja Alla biss jista' jkun jafu, però s-sagrifiċċji li saru minn tant ħutna qegħdin ukoll f'qalbna u għal xi wħud immarkati wkoll f'ġisimhom.

Jalla l-Provinċja tibqa' dejjem generuża u kbira fil-Vokazzjoni tagħha Reliġjuża-Saċerdotali-Missjunarja.

Inselli għalik u għall-Provinċja kollha.

† Paul Darmanin OFMCap.



***MESSAĠĠ MIBGĦUT MINN MONS. JOSEPH ALESSANDRO OFMCAP. ISQOF KOADJUTUR TA' GARISSA - IL-KENJA***

Għażiż Provinċjal,

Nispera li tinsab tajjeb.

Illum ftakart li għada fil-Provinċja sejrin tfakkru l-40 anniversarju minn meta l-ewwel sitt missjunarji Kapuċċini Maltin rifsu l-art tal-Kenja, art ġdida għalkollox u ħafna 'l bogħod minn gżiritna.

Kien att ta' kuraġġ kbir u ta' fiduċja totali f'Alla u fil-providenza tiegħu. Jiena, minn hawn f'Garissa, fejn waslu dawn l-ewwel Aħwa tagħna, ningħaqad magħkom ilkoll li ser tkunu miġburin fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa għall-quddiesa u adorazzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla ta' kemm wettaq ġid fil-missjoni u fil-Provinċja b'rabta mal-missjoni.

Għall-quddiesa tat-tluq tal-ewwel missjunarji ħutna jiena kont hemm fiżikament fil-knisja tat-Trinità Qaddisa. Din id-darba, 40 sena wara, xorta nħossni preżenti għalkemm mhux fiżikament.

Filwaqt li anki jiena nirringrazzja lil Alla li kien dejjem magħna, nixtieq nirringrazzja lill-Provinċja tal-appoġġ kbir li tat lill-missjoni tal-Kenja kemm bil-*pesonnel,* kemm bit-talb u nkuraġġiment, kif ukoll b'għajnuna finanzjarja.

Insellimlek u sellili għall-Aħwa kollha, u berikni.

Fraternament,

† Joe Alessandro OFMCap.



***MESSAĠĠ MIBGĦUT MINN FR GEORGE MUTHAKA OFMCAP., KUSTODJU TAL-KUSTODJA ĠENERALI TAL-KENJA***

Dear Fr Martin,

Pace et Bene! Thank you for planning the come together of the friars to celebrate the occasion. During the occasion kindly convey on my own behalf, on behalf of all the friars in Kenya and many many people of Kenya who have benefited from the service of Maltese Capuchin friars, a word of thank you to all the brothers of your province and in a special way the brothers who came to Kenya mission and are still alive as we offer a prayer for the departed brothers. We are truly grateful. We are where we are because of the grace of God and of course because of the Maltese province. Thank you so much and God bless as you prepare to come together. Pray for us.

Fr. George Muthaka OFMCap.

Superior of the General Custody Of Kenya

***MESSAĠĠ MIBGĦUT MILL-MINISTRU ĠENERAL TAL-ORDNI FRANĠISKAN KAPUĊĊIN FRA MAURO JOEHRI OFMCAP.***

Caro Fr Philip Cutajar,

Desidero essere tra coloro che si congratulano con voi per l'anniversario dei 40 anni di presenza missionaria della vostra provincia maltese in Kenya.
Grazie a voi oggi in Kenya vi è una Custodia generale fiorente e voi avete operato e ancora state operando per la diffusione del Regno di Dio e a sostegno della chiesa locale con vescovi e missionari.

Vi ringrazio a nome di tutto l'Ordine e imploro divine benedizioni per quanto è stato compiuto, state facendo e continuerete a fare!
Pace e Bene!



Fra Mauro Joehri
Min. Gen OFMCap.

# ROKNA Għat-tfal

NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA

AĦSEB U WIEĠEB

1. Min jieħdu l-għatx: jissaporti, jiġi għandi, jixrob. (Ġw 7.37)
2. Sar gvernatur fuq l-Eġittu: Ġużeppi, Ġakobb, Iżakk. (Atti 7, 9-10)
3. Is-sultan kien jismu: Erodi, Sawl, Abaddon. (Apk 9,11)
4. Kollox kien mogħti lil Ġesù mill-: Missier, Ispirtu S-Santu, Marija. (Mt 11,27)
5. Min irid isalva ħajtu: jiekol, jitlifha, jixrob. (Mk 8,35)
6. Erodi għalaq fil-ħabs lil: Marku, Mattew, Ġwanni. (Lq 3,20)
7. Il-Messija jiġi minn: Betlehem, Eġittu, Nażaret. (Ġw 7,43)
8. Niżel l-Eġittu, fejn miet: Iżakk, Ġużeppi, Ġakobb. (Atti 7,15)
9. Kien hemm anġli marbutin: ħamsa, erbgħa, sebgħa. (Apk 9,14)
10. It-toqol tiegħi: ħafif, tqil, hekk u hekk. (Mt 11,30)

*Ir-rebbieħ ta' kull kompetizzjoni qed jingħata żewġ kotba ppubblikati reċentement, mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.*

**Agenda**bookshop

Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-Indirizz:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan,**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Il-Furjana FRN 1211.**

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni TISLIBA 128 ta' Jannar 2014 huwa: V. Busuttil – 112, 'Valmar House' - Triq Ganu – B'KARA***

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni ROKNA GĦAT-TFAL ta' Jannar 2014: "AQTA' MIN" huwa: CLYVE CHETCUTI, 'MON AMOUR' – Mejjiesa Rd., Manikata – MLH 5134***



KOMPETIZZJONI Fr WISTIN ATTARD OFMCap.

*Agħmel fotokopja minflok taqta' din il-paġna*

# Tisliba 129



**TISLIBA 129**

1. Din tkun akbar (Koħ 4,9) (5)
2. Hdejn hawn biswit Ġeriko. (Num 36,13) (6)
3. ***Illixxjaw*** it-triq tal-Mulej. (Ġw 1,23) (5)
4. Fuq il-ħmir, ..., bgħula. (1 Kron 12,41) (5)
5. Bil-kuruni, b'dan u timpani. (Ġdt 3,7) (4)
6. Fejn huwa l-ħobż u dan? (Lam 2,12) (5)
7. Mhux Ponzju Pilatu biss. (Atti 4,27) (5)
8. Biex ħarab Trifon. (1 Mak 15,37) (5)
9. Annimali selvaġġi u dawn. (Sir 10,11) (3)
10. Lil wieħed tah ħamsa minnhom. (Mt 25,15) (7)
11. u 12. Alla mhux hekk ... (Lhud 6,10) (6)
13. Tkun din tal-Mulej. (Għabd 21) (6)
14. Jien raġel xwejjaħ (Film 9) (5)
15. Il-ħobż li ... (2 Tess 3,8) (5)
16. X'tiġi Naomi minn Elimelek. (Rt 1,2) (5)
17. It-tieni ktieb tal-Bibbja. (5)
18. Jiġi bin Aħab. (1 Slat 22,50) (7)
19. L-għolja ta' ... (2 Sam 2,24) (4)
20. X'kien jisimha l-belt. (Mħ 1,23) (3)
21. Mhux fuq ix-xellug biss. (2 Kor 6,7) (5)
22. Ta' Kusan dawn. (Hab 3,7) (5)

**SOLUZZJONI TA' JANNAR 2014**
1. Ħames; 2. Ħarifa; 3. Parir; 4. Irdum; 5. Umli; 6. Itlaq; 7. Adama; 8. Ramot; 9. Ewi; 10. Iturija; 11. u 12. Ċarrat; 13. Avorju; 14. Tajba; 15. Siwan; 16. Marid; 17. Qsamt; 18. Amarija; 19. Aqra; 20. Ors; 21. Barka; 22. Injam

*Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...*

# Boroż ta' Studju




**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
**Fr Philip Cutajar OFMCap.**

**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Il-Furjana**

**Telefown:** 2123 3874  2123 4949  2122 5525

**Imejl:** cutajarphilip777@gmail.com